**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*
*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2025/0550(COD)**

22.6.2026

# EMENDI
# 186 - 410

**Abbozz ta' rapport**
**Emma Rafowicz, Alice Kuhnke**
(PE787.746v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "AgoraEU" għall-perjodu 2028–2034, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/692 u (UE) 2021/818

Proposta għal regolament
(COM(2025)0550 – 2025/0550(COD))

**Emenda 186**
**Annamária Vicsek, András László**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. | (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). ***F'konformità mal-Artikoli 4(2) u 3(3) tat-TUE u l-Artikolu 167 tat-TFUE, l-Unjoni għandha tirrispetta l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri u l-istrutturi kostituzzjonali fundamentali tagħhom, filwaqt li tissalvagwardja r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika u l-wirt kulturali tal-Ewropa, inkluż l-kultura u l-lingwi tal-minoranzi etniċi u nazzjonali Ewropej tradizzjonali.*** L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. |

**Emenda 187**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi ***l-ħarsien*** tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. | (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi ***l-paċi, il-valuri tagħha u l-benessri tal-popli tagħha, issaħħaħ il-ħarsien*** tad-drittijiet tat-tfal***, tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u tiggarantixxi li l-wirt kulturali tal-Ewropa jiġi salvagwardjat u msaħħaħ***. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. |

Or. en

**Emenda 188**
**Erik Kaliňák**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni")***. Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta")***. L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. | (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. ***F'konformità mal-Artikolu 4(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tirrispetta wkoll l-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri, li huma marbuta b'mod inseparabbli mal-istrutturi politiċi u kostituzzjonali fundamentali tagħhom.*** |

Or. sk

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 4(2) tat-Trattat tal-UE jikkostitwixxi wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-funzjonament tal-Unjoni. Iż-żieda ta' dan il-prinċipju tiżgura espressjoni bilanċjata tal-qafas tat-trattat u tissottolinja li l-promozzjoni tal-valuri Ewropej u tal-parteċipazzjoni ċivika trid titwettaq b'rispett sħiħ għat-tradizzjonijiet kostituzzjonali u għall-identitajiet nazzjonali tal-Istati Membri.*

**Emenda 189**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE ***jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal***. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. | (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). ***Skont*** l-Artikolu 3 tat-TUE***, l-Unjoni jenħtieġ li tirrispetta u tħares ir-rikkezza inerenti fid-diversità kulturali u lingwistika tagħha, kif ukoll tissorvelja s-salvagwardja, il-ħarsien u l-iżvilupp tal-wirt kulturali tal-Ewropa***. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ- |

ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni kkwotat l-Artikolu 3 tat-TUE biss għall-ħarsien tat-tfal, filwaqt li ħalliet barra d-dmir tal-Unjoni li tippromwovi d-diversità kulturali u lingwistika skont l-Artikolu 3(3) tat-TUE. L-emenda treġġa' lura l-ankra korretta tat-Trattat għal programm kulturali.*

**Emenda 190**
**Alessandro Ciriani**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi | (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal ***u biex tiżgura li jitħares u jiġi żviluppat il-wirt kulturali Ewropew***. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu |

drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu.

20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu.

Or. it

**Emenda 191**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ***inkluż*** id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. | (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, ***inklużi d-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon,*** id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l- |

oħrajn, igawdu.

Or. en

**Emenda 192**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. | (1) F'konformità mal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà***, il-libertà tal-espressjoni***, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi, li huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel ("valuri tal-Unjoni"). Il-valuri tal-Unjoni huma riflessi fid-drittijiet, fil-libertajiet u fil-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). L-Artikolu 3 tat-TUE jagħti wkoll mandat lill-Unjoni biex tippromwovi l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal. L-Artikolu 10 tat-TUE jiddikjara wkoll li l-funzjonament tal-Unjoni għandu jissejjes fuq id-demokrazija rappreżentattiva, li ċ-ċittadini jkunu rrappreżentati direttament fil-livell tal-Unjoni fil-Parlament Ewropew, u li ċ-ċittadini jkollhom id-dritt jipparteċipaw fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. L-Artikolu 20 jistabbilixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jistabbilixxi drittijiet importanti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom, fost l-oħrajn, igawdu. |

Or. fi

**Emenda 193**
**Alice Kuhnke, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Huwa kruċjali li dawk id-drittijiet u l-valuri jkomplu jiġu kkultivati, irrispettati, imħarsa, promossi, infurzati u kondiviżi b'mod attiv fost iċ-ċittadini u l-popli u li jibqgħu fil-qalba tal-proġett tal-Unjoni, peress li d-deterjorament tagħhom fi kwalunkwe Stat Membru jista' jkollu effetti detrimentali fuq l-Unjoni kollha kemm hi. Fi żmien meta d-diżinformazzjoni, id-diskriminazzjoni u d-diskors ta' mibegħda qed jiżdiedu, id-demokrazija tinsab taħt pressjoni u l-ispazju ċiviku qed jiċkien malajr, huwa aktar importanti minn qatt qabel li dawk id-drittijiet u l-valuri jiġu promossi, imsaħħa u difiżi. Il-konformità mal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta bħala kundizzjoni għall-eliġibbiltà għall-finanzjament tal-Unjoni tiżgura li l-finanzjament tal-Unjoni jirrispetta l-obbligu li jiġu mħarsa d-drittijiet fundamentali u li jiġi pprevenut l-użu ħażin tal-fondi minquxa fit-Trattati. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kkonfermat ukoll li l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kif ukoll l-entitajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tranżnazzjonali li jimplimentaw l-azzjonijiet tal-Unjoni jridu jaġixxu f'konformità mad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta. Għalhekk, il-konformità mal-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u fil-Karta jenħtieġ li tkun prekundizzjoni għall-aċċess għall-finanzjament permezz tal-Programm "AgoraEU" (il-"Programm").*** |

Or. en

**Emenda 194**
**Pernando Barrena Arza**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Skont l-Artikolu 3(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-mira tal-Unjoni hija li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet li jrawmu kultura ta' paċi, djalogu, nonvjolenza, fehim reċiproku, parteċipazzjoni demokratika u koeżjoni soċjali fl-Unjoni kollha.*** |

Or. en

**Emenda 195**
**Erik Kaliňák**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) Il-kultura u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. ***Fl-istess ħin, l-appoġġ għall-kultura u għall-media jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-preżervazzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika tal-*** |

***Ewropa u jirrispetta t-tradizzjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri.***

Or. sk

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diversità kulturali u lingwistika hija waħda mill-karatteristiċi fundamentali tal-Ewropa u hija rikonoxxuta wkoll fl-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. L-emenda tisħaq li l-appoġġ għall-kultura u għall-media għandu jikkontribwixxi mhux biss għall-kooperazzjoni Ewropea iżda wkoll għall-protezzjoni tal-wirt kulturali nazzjonali u reġjonali tal-Istati Membri.*

**Emenda 196**
**Chiara Gemma, Marco Squarta, Lara Magoni, Ivaylo Valchev**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini***, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni,*** jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) Il-kultura u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. ***Dawn għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-preżervazzjoni tal-wirt kulturali, storiku u lingwistiku tal-Istati Membri.*** Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni ***u tal-Istati Membri***, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu***, b'rispett sħiħ tal-indipendenza editorjali tagħhom***. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. |

Or. it

**Emenda 197**
**Annamária Vicsek, András László**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Il-kultura*** u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) ***It-tradizzjoni u l-wirt kulturali, inkluża l-kultura tal-minoranzi etniċi u nazzjonali Ewropej tradizzjonali,*** u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. |

Or. en

**Emenda 198**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni*** huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini***, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni,*** jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja taqdi*** rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu | (2) Il-kultura u ***l-media*** huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni***. F'dan ir-rigward, l-indipendenza*** u ***l-pluraliżmu tal-media jaqdu*** rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. ***Il-forom*** l- |

liberu. ***Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom*** l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa ***u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti*** u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin.

oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin.

Or. fr

**Emenda 199**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali ***fit-tfassil tal-opinjoni pubblika*** u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali ***għad-diversità*** tal-Ewropa ***u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin***. | (2) Il-kultura u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali ***fil-libertà tal-espressjoni*** u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali ***għall-preżervazzjoni tal-popli u tat-tradizzjonijiet kulturali*** tal-Ewropa. |

Or. fi

**Emenda 200**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. ***Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi,*** kulturali u ***kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma*** essenzjali għad-diversità tal-Ewropa ***u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin***. | (2) Il-kultura u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. ***L-espressjoni*** kulturali u ***kreattiva hija*** essenzjali għad-diversità tal-Ewropa***, peress li tippermetti lill-individwi u lill-komunitajiet jippreżervaw, jiżviluppaw u jikkondividu l-identitajiet, il-lingwi, it-tradizzjonijiet u l-prattiki artistiċi tagħhom, filwaqt li trawwem fehim reċiproku, koeżjoni soċjali u sens kondiviż ta' appartenenza fl-Unjoni***. |

Or. en

**Emenda 201**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura ***u l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja taqdi*** rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) Il-kultura***, il-media u l-ġurnaliżmu*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***s-setturi kulturali u kreattivi, inklużi l-media u l-ġurnaliżmu jaqdu*** rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet |

Ewropej li jifhmu lil xulxin.

Or. en

**Emenda 202**
**Alex Agius Saliba**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, ***inkluż il-wirt*** kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) Il-kultura u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, ***inklużi l-wirt*** kulturali ***u l-festi lokali***, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Irridu nagħmlu enfasi fuq ir-rwol importanti tal-festi lokali, bħal festivals kulturali, laqgħat u festi li jlaqqgħu flimkien il-komunitajiet u huma element importanti u indispensabbli tal-kultura Ewropea.*

**Emenda 203**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) Il-kultura u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità ***u l-koeżjoni*** tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. |

Or. en

**Emenda 204**
**Mario Furore**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura ***u l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) Il-kultura***, il-media u l-ġurnaliżmu*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. |

Or. en

**Emenda 205**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Marco Tarquinio, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura ***u l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) Il-kultura***, il-media u l-ġurnaliżmu*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. |

Or. en

**Emenda 206**
**Henrik Dahl**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa***, inklużiva*** u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu | (2) Il-kultura u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu |

| | |
|---|---|
| liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. | liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini u komunitajiet Ewropej li jifhmu lil xulxin. |

Or. en

**Emenda 207**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-kultura u ***l-midja*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-midja*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini ***u komunitajiet*** Ewropej li jifhmu lil xulxin. | (2) Il-kultura u ***l-media*** u l-promozzjoni u r-rispett tal-valuri tal-Unjoni huma lkoll komponenti kruċjali ta' Unjoni ħielsa, ġusta, diversa, inklużiva u koeżiva. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taċ-ċittadini, b'rispett xieraq tal-valuri tal-Unjoni, jifirxu l-bażi tal-ħajja demokratika tal-Unjoni, u ***l-media*** taqdi rwol kruċjali fit-tfassil tal-opinjoni pubblika u d-dibattitu liberu. Il-kontenut awdjoviżiv u l-forom l-oħra kollha ta' espressjonijiet artistiċi, kulturali u kreattivi, inkluż il-wirt kulturali, huma essenzjali għad-diversità tal-Ewropa u biex ikollna soċjetajiet reżiljenti u ċittadini Ewropej li jifhmu lil xulxin. |

Or. en

**Emenda 208**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***(2a) Jisħaq fuq ir-rwol strateġiku tas-setturi kulturali u kreattivi bħala muturi tat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni, l-impjiegi u l-koeżjoni soċjali fl-Unjoni Ewropea; ifakkar li dawn is-setturi jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-ekonomija Ewropea, u jirrappreżentaw madwar 3,95 % tal-valur miżjud tal-UE, filwaqt li jappoġġaw madwar 8 miljun impjieg u 1,2 miljun ditta, li 99,9 % minnhom huma SMEs[1a]; jenfasizza, barra minn hekk, il-kontribut essenzjali tagħhom għall-promozzjoni tad-diversità kulturali Ewropea, għall-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli u għat-tisħiħ tal-identità u l-valuri komuni tal-Unjoni;***

---

***[1a] Stħarriġ tal-2024 mill-Kummissjoni Ewropea bl-isem "Needs and challenges of the cultural and creative industries" (Ħtiġijiet u sfidi tal-industriji kulturali u kreattivi)***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni fetħet b'lingwaġġ tal-valuri mingħajr ma rrikonoxxiet il-piż ekonomiku tas-CCS: 3,95 % tal-valur miżjud tal-UE, 8 miljun impjieg, 99,9 % SMEs (stħarriġ tal-2024 tal-Kummissjoni stess). Dan jibbaża l-programm fuq raġunament ekonomiku bbażat fuq l-evidenza.*

**Emenda 209**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Programm "AgoraEU" (il-"Programm") se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn | (3) Il-Programm "AgoraEU" (il-"Programm")***, li huwa bbażat fuq il-kisbiet tal-programm Ewropa Kreattiva u l-*** |

| | |
|---|---|
| l-objettivi, id-drittijiet u l-valuri. | ***programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV),*** se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn l-objettivi, id-drittijiet u l-valuri. |

Or. en

**Emenda 210**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Programm "AgoraEU" (il-"Programm") se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn l-objettivi, id-drittijiet u l-valuri. | (3) Il-Programm "AgoraEU" (il-"Programm") se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn l-objettivi, id-drittijiet u l-valuri***, u għas-salvagwardja ta' stil ta' ħajja Ewropew***. |

Or. en

**Emenda 211**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Programm "AgoraEU" (il-"Programm") se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn l-objettivi***, id-drittijiet u l-valuri***. | (3) Il-Programm "AgoraEU" (il-"Programm") se jipprovdi kontribut sinifikanti biex jintlaħqu u jitwettqu dawn l-objettivi. |

Or. fr

**Emenda 212**
**Emma Rafowicz, Alice Kuhnke**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Programm jenħtieġ li jkun is-suċċessur tal-Programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u tal-Programm CERV dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] . Dan jenħtieġ li jissimplifika diversi azzjonijiet tal-finanzjament b'appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja***, u jiġġieled id-diżinformazzjoni b'appoġġ għall-għoti ta' informazzjoni dwar materji tal-Unjoni. ***Il-midja*** ħielsa u pluralistika u s-soċjetà ċivili huma fost l-għassiesa ewlenin tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni, u dawn jaqdu rwol kruċjali għar-reżiljenza demokratika, u għalhekk għandhom jiġu appoġġati. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll is-setturi kulturali, kreattivi u ***tal-midja***, jisfrutta s-setgħa tal-kultura u d-diversità kulturali, isaħħaħ l-ispazju tal-informazzjoni, u jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex isaħħaħ soċjetà bbażata fuq id-drittijiet, inklużiva, ugwali u demokratika. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm "AgoraEU"[5]. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti qed jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %. | (4) Il-Programm jenħtieġ li jkun is-suċċessur tal-Programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u tal-Programm CERV dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] . Dan jenħtieġ li jissimplifika diversi azzjonijiet tal-finanzjament b'appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media***, u jiġġieled id-diżinformazzjoni b'appoġġ għall-għoti ta' informazzjoni dwar materji tal-Unjoni. ***Il-media*** ħielsa u pluralistika u s-soċjetà ċivili huma fost l-għassiesa ewlenin tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni, u dawn jaqdu rwol kruċjali għar-reżiljenza demokratika, u għalhekk għandhom jiġu appoġġati. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll is-setturi kulturali, kreattivi u ***tal-media***, jisfrutta s-setgħa tal-kultura u d-diversità kulturali, ***jippreżerva u jippromwovi l-wirt kulturali,*** isaħħaħ l-ispazju tal-informazzjoni, u jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex isaħħaħ soċjetà bbażata fuq id-drittijiet, inklużiva, ugwali u demokratika. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm "AgoraEU"[5]. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti qed jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %. |
| [3] Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/818/oj). | [3] Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/818/oj). |

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj).

[5] Meta rilevanti, l-appoġġ mill-Programm jenħtieġ li jħaffef u jixpruna l-investimenti billi jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, u jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u billi jinċentiva l-finanzjament privat, u għandu jkollu valur miżjud tal-Unjoni.

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj).

[5] Meta rilevanti, l-appoġġ mill-Programm jenħtieġ li jħaffef u jixpruna l-investimenti billi jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, u jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u billi jinċentiva l-finanzjament privat, u għandu jkollu valur miżjud tal-Unjoni.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda hija konformi mal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni u mal-objettivi ta' Ewropa Kreattiva 2021-2027, li jinkludu "s-salvagwardja, l-iżvilupp u l-promozzjoni tad-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi Ewropej".*

**Emenda 223**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-Programm jenħtieġ li jkun is-suċċessur tal-Programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u tal-Programm CERV dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] . Dan jenħtieġ li jissimplifika diversi azzjonijiet tal-finanzjament b'appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-midja***, u jiġġieled | (4) Il-Programm jenħtieġ li jkun is-suċċessur tal-Programm Ewropa Kreattiva stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3] u tal-Programm CERV dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] . Dan jenħtieġ li jissimplifika diversi azzjonijiet tal-finanzjament b'appoġġ għal-libertà u l-pluraliżmu ***tal-media***, u jiġġieled |

id-diżinformazzjoni b'appoġġ għall-għoti ta' informazzjoni dwar materji tal-Unjoni. ***Il-midja*** ħielsa u pluralistika u s-soċjetà ċivili huma fost l-għassiesa ewlenin tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni, u dawn jaqdu rwol kruċjali għar-reżiljenza demokratika, u għalhekk għandhom jiġu appoġġati. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll is-setturi kulturali, kreattivi u ***tal-midja***, jisfrutta s-setgħa tal-kultura u d-diversità kulturali, isaħħaħ l-ispazju tal-informazzjoni, u jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex isaħħaħ soċjetà bbażata fuq id-drittijiet, inklużiva, ugwali u demokratika. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm "AgoraEU"[5]. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti qed jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %.

id-diżinformazzjoni b'appoġġ għall-għoti ta' informazzjoni dwar materji tal-Unjoni. ***Il-media*** ħielsa u pluralistika u s-soċjetà ċivili huma fost l-għassiesa ewlenin tas-sistemi demokratiċi tal-Unjoni, u dawn jaqdu rwol kruċjali għar-reżiljenza demokratika, u għalhekk għandhom jiġu appoġġati. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll is-setturi kulturali, kreattivi u ***tal-media***, jisfrutta s-setgħa tal-kultura u d-diversità kulturali, isaħħaħ l-ispazju tal-informazzjoni, u jappoġġa l-isforzi tal-Unjoni biex isaħħaħ soċjetà bbażata fuq id-drittijiet, inklużiva, ugwali***, pluralista*** u demokratika. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju indikattiv għall-Programm "AgoraEU"[5]. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, il-prezzijiet kurrenti qed jiġu kkalkulati bl-applikazzjoni ta' deflatur fiss ta' 2 %.

---

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/818/oj).

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj).

[5] Meta rilevanti, l-appoġġ mill-Programm jenħtieġ li jħaffef u jixpruna l-investimenti billi jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, u jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u billi jinċentiva l-finanzjament privat, u għandu jkollu valur miżjud tal-Unjoni.

[3] Ir-Regolament (UE) 2021/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2021-2027) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 (ĠU L 189, 28.5.2021, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/818/oj).

[4] Ir-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 (ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/692/oj).

[5] Meta rilevanti, l-appoġġ mill-Programm jenħtieġ li jħaffef u jixpruna l-investimenti billi jindirizza l-fallimenti tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali, b'mod proporzjonat, u jevita d-duplikazzjoni jew l-esklużjoni, u billi jinċentiva l-finanzjament privat, u għandu jkollu valur miżjud tal-Unjoni.

Or. en

**Emenda 224**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. | (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. ***Fl-istess ħin, il-Programm jenħtieġ li jippromwovi l-kooperazzjoni transsettorjali u s-sinerġiji bejn il-kultura, il-media u s-soċjetà ċivili permezz ta' miżuri ta' appoġġ iddedikati, inklużi inizjattivi mmirati lejn it-tisħiħ tas-servizzi awdjoviżivi u tal-media pan-Ewropej li jrawmu d-diversità kulturali u lingwistika u jsaħħu l-parteċipazzjoni demokratika.*** |

Or. en

**Emenda 225**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. | (5) ***Il-Programm jenħtieġ li jikkonsolida azzjonijiet li qabel kienu ffinanzjati fl-ambitu ta' programmi u sorsi ta' finanzjament separati, u b'hekk jippermetti sinerġiji bejn is-setturi biex jippromwovi l-valuri tal-Unjoni u jappoġġa Unjoni kulturalment vibranti u*** |

***diversa.*** Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. ***L-insegwiment ta' sinerġiji jenħtieġ li ma jsirx għad-detriment ta' approċċi mmirati.***

Or. en

**Emenda 226**
**Annamária Vicsek, András László**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. | (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom***, kif ukoll il-wirt kulturali u l-identità unika tal-minoranzi nazzjonali u etniċi storiċi u indiġeni Ewropej;*** u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. |

Or. en

**Emenda 227**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. | (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. ***Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi wkoll il-kooperazzjoni*** |

***transsettorjali bejn il-kultura, il-media u l-ġurnaliżmu, u s-soċjetà ċivili.***

Or. en

**Emenda 228**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. | (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. ***Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi wkoll il-kooperazzjoni transsettorjali bejn il-kultura, il-media u l-ġurnaliżmu, u s-soċjetà ċivili.*** |

Or. en

**Emenda 229**
**Alex Agius Saliba**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. | (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, ***id-differenza u l-isfidi reġjonali tar-reġjuni ultraperiferiċi u remoti,*** il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-reġjuni ultraperiferiċi u remoti tal-UE, bħar-reġjuni muntanjużi u l-gżejjer, għandhom rikkezza kulturali li żżid mad-diversità Ewropea, iżda qed jiffaċċjaw ukoll sfidi speċifiċi biex iżommu l-ħajja kulturali tagħhom li jirrikjedu approċċ immirat.*

**Emenda 230**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. | (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis ***b'mod partikolari l-kosteffettività, kif ukoll*** in-natura u l-isfidi speċifiċi tal-politiki, l-oqsma u s-setturi differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati. |

Or. fi

**Emenda 231**
**Chiara Gemma, Ivaylo Valchev**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi ***tal-politiki, l-oqsma*** u ***s-setturi*** differenti***, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom b'approċċi mmirati***. | (5) Biex ikun effettiv, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura u l-isfidi speċifiċi ***tas-setturi kulturali u kreattivi*** differenti***. Il-programm jenħtieġ li jagħti prijorità lill-appoġġ tal-kooperazzjoni transfruntiera f'oqsma fejn il-valur miżjud Ewropew jista' jintwera u jitkejjel***. |

Or. it

**Emenda 232**

**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Is-setturi kulturali u kreattivi, kif ukoll is-setturi tal-media, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-diversità kulturali, id-diskors demokratiku u ċ-ċittadinanza infurmata tal-Ewropa. Il-kapaċità tagħhom li joħolqu, jipproduċu, jiddistribwixxu u jagħmlu l-kontenut disponibbli għall-pubbliku tiddependi fuq qafas li jiffunzjona tajjeb għall-protezzjoni, il-ġestjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u drittijiet relatati, li jiżgura remunerazzjoni ġusta u proporzjonata għad-detenturi tad-drittijiet. Peress li dawn id-drittijiet jikkostitwixxu xprunatur ewlieni tal-ħolqien ta' valur sostenibbli fl-ekosistemi kulturali u kreattivi kollha, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet li jsaħħu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-eżerċizzju effettiv tal-qafas tad-drittijiet tal-awtur tal-Unjoni u jikkontribwixxu għar-reżiljenza, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tas-setturi kulturali, kreattivi u tal-media.*** |

Or. en

**Emenda 233**
**Mario Furore**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Is-setturi kulturali u kreattivi, inklużi l-media u l-ġurnaliżmu, jikkontribwixxu għad-diversità kulturali, id-dibattitu demokratiku u ċ-ċittadinanza*** |

***infurmata tal-Ewropa. Dawn is-setturi jiddependu fuq id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u drittijiet relatati għall-isfruttament tal-kontenut tagħhom. Il-kapaċità tagħhom li joħolqu, jipproduċu, jiddistribwixxu u jagħmlu l-kontenut disponibbli għall-pubbliku tiddependi fuq il-protezzjoni, il-ġestjoni u l-infurzar effettivi ta' dawk id-drittijiet, filwaqt li jiżguraw remunerazzjoni ġusta u proporzjonata għall-kreaturi u d-detenturi tad-drittijiet u jappoġġjaw il-ħolqien ta' valur sostenibbli fl-ekosistemi kulturali u kreattivi kollha.***

Or. en

**Emenda 234**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Gabriela Firea, Marco Tarquinio, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Is-setturi kulturali u kreattivi, il-media u l-ġurnaliżmu, jikkontribwixxu għad-diversità kulturali, id-dibattitu demokratiku u ċ-ċittadinanza infurmata tal-Ewropa. Dawn is-setturi jiddependu fuq id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u drittijiet relatati għall-isfruttament tal-kontenut tagħhom. Il-kapaċità tagħhom li joħolqu, jipproduċu, jiddistribwixxu u jagħmlu l-kontenut disponibbli għall-pubbliku tiddependi fuq il-protezzjoni, il-ġestjoni u l-infurzar effettivi ta' dawk id-drittijiet, filwaqt li jiżguraw remunerazzjoni ġusta u proporzjonata għad-detenturi tad-drittijiet u jappoġġjaw il-ħolqien ta' valur sostenibbli fl-ekosistemi kulturali u kreattivi kollha.*** |

Or. en

**Emenda 235**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-appoġġ fl-istess programm għas-setturi kulturali, tal-media u l-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri ("CERV") jista' jnaqqas il-fiduċja taċ-ċittadini f'wieħed jew ieħor minn dawn is-setturi, li jissuġġerixxi li l-prijoritajiet politiċi jegħlbu l-objettivi ddikjarati tal-oqsma differenti tal-programm;*** |

Or. fr

**Emenda 236**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Djalogu miftuħ, trasparenti u regolari mal-benefiċjarji tal-Programm u ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jenħtieġ li jiġi żgurat mill-Kummissjoni fit-thejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, billi jiġi stabbilit Grupp ta' Djalogu Ċivili. Jenħtieġ li l-Grupp ta' Djalogu Ċivili jkun forum informali u miftuħ għad-diskussjoni u jikkontribwixxi għall-iskambju ta' esperjenzi u prattiki tajba u għad-diskussjoni ta' żviluppi ta' politika fl-oqsma u fl-objettivi koperti mill-Programm u minn oqsma relatati. Jista' jiġi organizzat, meta xieraq, f'konfigurazzjonijiet li jirriflettu l-fergħat differenti tal-Programm.*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Mario Furore**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Il-professjonisti kulturali, kreattivi u tal-media spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, remunerazzjoni insuffiċjenti u protezzjoni soċjali limitata. Filwaqt li dawn il-kwistjonijiet huma primarjament indirizzati permezz tad-dritt tal-Unjoni u dak nazzjonali, il-finanzjament tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' prattiki professjonali ġusti. Għalhekk, il-benefiċjarji li jirċievu appoġġ skont il-Programm jenħtieġ li jikkonformaw mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-remunerazzjoni. Jenħtieġ li l-fondi tal-Unjoni ma jappoġġawx attivitajiet imwettqa bi ksur ta' tali regoli, filwaqt li jiżguraw implimentazzjoni proporzjonata u jevitaw piżijiet amministrattivi eċċessivi.*** |

Or. en

**Emenda 238**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Csaba Molnár, José Cepeda, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5c) Id-djalogu jenħtieġ li jinvolvi rappreżentanza bbilanċjata ta' partijiet ikkonċernati attivi fis-setturi kulturali, awdjoviżivi, tal-media u tas-soċjetà ċivili, inklużi, kif xieraq, organizzazzjonijiet*** |

***kulturali u kreattivi, atturi indipendenti tal-media u tal-ġurnaliżmu, rappreżentanti tal-industrija awdjoviżiva u tal-films, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet li jaħdmu fuq id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza, assoċjazzjonijiet professjonali, sħab soċjali, istituzzjonijiet ta' riċerka u akkademiċi, u atturi rilevanti oħra li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Programm. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu żgurati d-diversità ġeografika u l-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet u atturi iżgħar minn reġjuni u swieq tal-media sottorappreżentati.***

Or. en

**Emenda 239**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Gabriela Firea, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5d) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li jsiru skambji strutturati fi stadju bikri fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u li l-partijiet ikkonċernati jiġu pprovduti, b'mod f'waqtu u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-kunfidenzjalità, informazzjoni dwar il-prijoritajiet u l-orjentazzjonijiet previsti, sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun responsabbli lejn il-partijiet ikkonċernati dwar kif il-kontributi tagħhom tqiesu fit-tfassil tal-programmi.*** |

Or. en

**Emenda 240**
**András László, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 241**
**Pernando Barrena Arza**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u ***bi qbil mal-objettivi*** tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà | (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. ***Fl-istess ħin, tali flessibbiltà jenħtieġ li tkun ibbilanċjata b'attenzjoni bi grad sufiċjenti ta' stabbiltà biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà, iċ-ċertezza legali u l-kontinwità fl-implimentazzjoni.*** Għal dak il-għan, u ***mingħajr preġudizzju għall-ilħuq tal-objettivi*** tal-Programm "AgoraEU" ***u l-indipendenza tal-*** |

biżżejjed għall-implimentazzjoni.

***benefiċjarji tiegħu***, il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. ***Il-finanzjament jenħtieġ li jfittex ukoll sinerġiji ma' strumenti oħra tal-Unjoni u jissalvagwardja b'mod effettiv qafas stabbli li jippromwovi inizjattivi fit-tul u jippermetti lill-benefiċjarji jippjanaw u jimplimentaw azzjonijiet b'mod effettiv maż-żmien.***

Or. en

**Emenda 242**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm ***"AgoraEU"***, il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew ***filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni***. | (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm, il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew ***kif ukoll jiggarantixxi li flessibbiltà eċċessiva ma timminax l-ammont tal-baġit meħtieġ għall-aħjar finanzjament possibbli tal-Programm. Il-flessibbiltà u l-kapaċità ta' rispons għall-ħtiġijiet emerġenti għandhom ikunu bbilanċjati kif xieraq mal-prevedibbiltà u ċ-ċarezza għall-benefiċjarji u l-pajjiżi parteċipanti, b'mod*** |

***partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma annwali u d-distribuzzjoni tar-riżorsi finanzjarji fost il-fergħat***.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li l-flessibbiltà hija objettiv leġittimu, il-Programm irid jiżgura ċ-ċarezza u l-prevedibbiltà għall-operaturi kulturali li jippjanaw proġetti pluriennali. Din l-emenda tintroduċi prinċipju ċar ta' bilanċ, li jipprevjeni lill-Kummissjoni milli tuża dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà biex tidderieġi mill-ġdid b'mod unilaterali l-fondi bejn il-fergħat mingħajr trasparenza adegwata u sorveljanza mill-Istati Membri.*

**Emenda 243**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. | (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar***. Fl-istess ħin, il-ħtieġa tal-flessibbiltà jenħtieġ li tkun ibbilanċjata mal-ħtieġa tal-istabbiltà, li hija essenzjali biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà, iċ-ċertezza legali u l-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-programm***. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. |

Or. en

**Emenda 244**
**Zsuzsanna Borvendég**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar**.** Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament ***se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni***. | (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar**.** Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament ***għandu jkun ibbażat fuq prijoritajiet ċari, prevedibbli u definiti legalment stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-programmi ta' ħidma adottati f'konformità mar-regoli applikabbli***. ***Tali prijoritajiet ma għandhomx jintużaw biex jiġu estiżi l-kompetenzi tal-Unjoni, jiġi evitat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jew jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jinterferixxu mal-ordni kostituzzjonali, l-għażliet tal-ordni pubbliku, it-tradizzjonijiet kulturali, il-wirt reliġjuż jew il-proċessi demokratiċi tal-Istati Membri.*** |

Or. en

**Emenda 245**
**Erik Kaliňák**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm | (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm |

| | |
|---|---|
| "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. | "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew ***b'attenzjoni partikolari għall-prijoritajiet approvati skont il-proċeduri leġiżlattivi u baġitarji tal-Unjoni,*** filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. |

Or. sk

*Ġustifikazzjoni*

*Il-programm għandu jkun jista' jirrispondi għal sfidi ġodda u għal prijoritajiet li jinbidlu. Fl-istess ħin, huwa xieraq li tiġi enfasizzata l-importanza tal-prijoritajiet approvati fil-qafas tal-proċeduri leġiżlattivi u baġitarji tal-Unjoni, li jipprovdu grad ogħla ta' leġittimità demokratika u ċertezza legali mid-dokumenti ta' politika mhux leġiżlattivi.*

**Emenda 246**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'ambjent ekonomiku***, soċjali*** u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu ***flessibbli aktar.*** Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. | (6) F'ambjent ekonomiku u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu ***dixxiplinati, li jikkonċentraw fuq l-aktar prijoritajiet essenzjali għall-Ewropa, bħas-sigurtà u t-tisħiħ tal-kompetittività.*** Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. |

Or. fi

**Emenda 247**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati ***mill-Kummissjoni,*** fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ***u fir-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew*** filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. | (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar. Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ppubblikati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. |

Or. fr

**Emenda 248**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar**.** Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu | (6) F'ambjent ekonomiku, soċjali u ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, l-esperjenza riċenti wriet il-bżonn li l-qafas finanzjarju pluriennali u l-programmi tiegħu jkunu flessibbli aktar**.** Għal dak il-għan, u bi qbil mal-objettivi tal-Programm "AgoraEU", il-finanzjament se jqis kif xieraq il-ħtiġijiet ta' politika li qed jevolvu |

| | |
|---|---|
| u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ***ppubblikati mill-Kummissjoni, fil-konklużjonijiet*** tal-Kunsill u ***fir-riżoluzzjonijiet*** tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. | u l-prijoritajiet tal-Unjoni kif identifikati fid-dokumenti rilevanti ***bħall-konklużjonijiet*** tal-Kunsill u ***r-riżoluzzjonijiet*** tal-Parlament Ewropew filwaqt li jiżgura prevedibbiltà biżżejjed għall-implimentazzjoni. |

Or. en

**Emenda 249**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Is-setturi kulturali u kreattivi jinkludu l-forom kollha ta' espressjoni artistika u manifestazzjoni relatati mal-arti, il-kultura, il-wirt kulturali, kif ukoll is-setturi awdjoviżivi u tal-media. Jenħtieġ li l-Programm iqis in-natura doppja ta' dawk is-setturi, filwaqt li jirrikonoxxi, minn naħa waħda, il-valur intrinsiku u artistiku tal-kultura u, min-naħa l-oħra, il-valur ekonomiku ta' dawk is-setturi, inkluż il-kontribut usa' tagħhom għat-tkabbir, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. Is-setturi koperti mill-fergħa Ewropa Kreattiva - Kultura għandhom jinkludu, fost l-oħrajn, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' artistiċi, l-awdjoviżiv (inklużi l-films, it-televiżjoni, il-videogames u l-multimedia), il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, id-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), il-festivals, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu, il-pubblikazzjoni (il-kotba u l-istampa miktuba), ir-radju u l-arti viżiva. L-approċċi settorjali jenħtieġ li jikkomplementaw l-azzjonijiet li jinkludu s-setturi koperti kollha, filwaqt li jipprevedu azzjonijiet aktar immirati għal dawk is-setturi li l-ħtiġijiet kondiviżi u l-isfidi speċifiċi tagħhom fl-Unjoni*** |

***jirrikjedu approċċ aktar immirat.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni ma fihiex definizzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi, u dan joħloq inċertezza legali għall-benefiċjarji potenzjali. Il-programm Ewropa Kreattiva attwali fih definizzjoni bħal din, li għandha tiġi ppreżervata fil-programm suċċessur. Definizzjoni ċara u mhux eżawrjenti tipprevjeni wkoll it-tnaqqis tad-diskrezzjoni amministrattiva fis-setturi eliġibbli fl-implimentazzjoni. Dan jirrifletti l-approċċ adottat fl-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill.*

**Emenda 250**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Il-Programm huwa allinjat ukoll mal-objettivi tal-Boxxla Kulturali tal-Unjoni Ewropea, li tipprovdi qafas strateġiku għat-tisħiħ tar-rwol tal-kultura fis-soċjetajiet Ewropej. Jenfasizza l-importanza tad-diversità kulturali, il-libertà artistika, l-inklużjoni u l-aċċess għall-kultura, u l-ħtieġa li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti kulturali u kreattivi. Bit-trawwim tal-kooperazzjoni, l-innovazzjoni, u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet kulturali madwar l-Ewropa, dan isaħħaħ il-kontribut tal-kultura għall-koeżjoni soċjali, il-valuri demokratiċi, u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli. F'dan il-kuntest, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Boxxla Kulturali u l-impenji u r-responsabbiltajiet politiċi deskritti fid-Dikjarazzjoni Konġunta "L-Ewropa għall-Kultura - Il-Kultura għall-Ewropa", inkluż permezz tal-iżgurar ta' finanzjament iddedikat, aċċessibbli u ta' min joqgħod fuqu għas-setturi kulturali u kreattivi u billi jippromwovi remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet*** |

***tax-xogħol deċenti għall-artisti f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 3.***

Or. en

**Emenda 251**
**Esteban González Pons, Francisco José Millán Mon, Hélder Sousa Silva**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Il-kultura, l-arti, il-wirt kulturali u d-diversità kulturali huma ta' valur kbir għas-soċjetà Ewropea mil-lat kulturali, edukattiv, demokratiku, ambjentali, soċjali, ekonomiku u tad-drittijiet tal-bniedem, u jenħtieġ li jiġu promossi u appoġġati. L-Artikolu 3 tat-TUE jiddikjara li l-miri tal-Unjoni huma, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha u l-benesseri tal-popli tagħha, u li l-Unjoni trid tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha u tiżgura li l-wirt kulturali tal-Ewropa jiġi ppreżervat u żviluppat. Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017 prevista mill-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE pproklamaw Unjoni "fejn iċ-ċittadini jkollhom opportunitajiet ġodda għall-iżvilupp kulturali u soċjali u għat-tkabbir ekonomiku" u anke "Unjoni li tippreżerva l-wirt kulturali tagħna u tippromwovi d-diversità kulturali".*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda hija konformi mal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni u mal-premessi ta' Ewropa Kreattiva 2021-2027.*

**Emenda 252**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Is-setturi kulturali u kreattivi jinkludu diversi forom ta' espressjoni u manifestazzjoni artistiċi u kulturali, inklużi l-wirt kulturali, ix-xogħlijiet awdjoviżivi, u l-attivitajiet tal-media. Il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura doppja tas-setturi kulturali u kreattivi, filwaqt li jirrikonoxxi, minn naħa waħda, il-valur intrinsiku, soċjetali u artistiku tal-kultura u, min-naħa l-oħra, il-valur ekonomiku ta' dawk is-setturi, inkluż il-kontribut usa' ta' dawk is-setturi għat-tkabbir, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. Il-Programm jenħtieġ li jqis ukoll l-impatt pożittiv tal-kultura fuq id-djalogu interkulturali, il-koeżjoni soċjali u d-disseminazzjoni tal-għarfien.*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Alessandro Ciriani**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Is-setturi kulturali u kreattivi jinkludu l-forom kollha ta' espressjoni u attività relatati mal-arti, mal-kultura, mal-wirt kulturali, kif ukoll mal-qasam awdjoviżiv u mal-media. Il-programm jenħtieġ li jtejjeb id-dimensjoni doppja tiegħu, filwaqt li jirrikonoxxi kemm il-valur intrinsiku u artistiku tal-kultura kif ukoll il-kontribuzzjoni ekonomiku ta'*** |

***dawn is-setturi, mhux biss f'termini ta' żvilupp ekonomiku, iżda wkoll ir-rwol tagħhom fil-promozzjoni tat-tkabbir, tal-kompetittività, tal-kreattività u tal-innovazzjoni.***

Or. it

**Emenda 254**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6a) Kwalunkwe żieda fil-flessibbiltà bejn il-fergħat trid tkun akkumpanjata minn informazzjoni ex ante lill-awtorità baġitarja u rapportar ex post dwar ir-riallokazzjonijiet, il-benefiċjarji, l-objettivi u r-riżultati, sabiex is-simplifikazzjoni ma ddgħajjifx l-iskrutinju parlamentari.*** |

Or. en

**Emenda 255**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) Għall-finijiet tal-implimentazzjoni, il-Programm jenħtieġ li jqis in-natura speċifika, l-isfidi, l-oqfsa ta' politika u l-ħtiġijiet partikolari tas-setturi kulturali u kreattivi differenti. Għalhekk, dawn huma indirizzati permezz ta' fergħa ddedikata għas-setturi awdjoviżivi u tal-media tal-aħbarijiet (il-"fergħa MEDIA+") u fergħa ddedikata għas-setturi kulturali u kreattivi l-oħra (il-fergħa "Ewropa Kreattiva - Kultura").*** |

Or. en

**Emenda 256**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6c) L-Unjoni ssegwi l-objettiv ta' tranżizzjoni ekoloġika, kif rifless fil-qafas leġiżlattiv tagħha, inkluż il-Patt Ekoloġiku. L-attivitajiet kulturali u s-siti patrimonjali huma partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima, inklużi żieda fl-instabbiltà globali u diżastri nazzjonali aktar frekwenti. Is-setturi kulturali u kreattivi huma xprunaturi ta' bidla sistemika u approċċi innovattivi għat-tranżizzjoni ekoloġika lejn sostenibbiltà, sovranità u reżiljenza akbar. F'dak il-kuntest, l-Unjoni għandu jkollha l-għan li tisfrutta aħjar il-kultura u l-kreattività biex tixpruna l-azzjonijiet dwar il-klima u l-bijodiversità, tippromwovi l-isforzi biex jiġi mmitigat l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-setturi kulturali u kreattivi u ssaħħaħ l-adattament tagħhom għat-tibdil fil-klima ("ambjent favur il-kultura"), filwaqt li tisfrutta wkoll il-potenzjal tas-setturi li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika usa' ("kultura favur l-ambjent").*** |

Or. en

**Emenda 257**
**Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, ***inkluż*** l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, ***inklużi l-awdjoviżiv u l-media,*** l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni ***u l-komunitajiet lokali*** tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku ***filwaqt li jirriflettu u jippromwovu d-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa, inklużi l-Lingwi Reġjonali u ta' Stati Żgħar, u jikkontribwixxu għall-vitalità u r-reżiljenza tat-territorji. Dawn is-setturi jaqdu rwol strateġiku fit-trawwim tal-iżvilupp lokali u reġjonali, fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u territorjali u fit-tisħiħ tal-attraenza tar-reġjuni***. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-kollaborazzjoni transsettorjali u lill-kokreazzjoni ma' setturi ekonomiċi u soċjali oħra, bħala xprunatur tal-innovazzjoni, l-inklużjoni u l-iżvilupp sostenibbli madwar l-Ewropa.*** |

Or. en

**Emenda 258**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. ***Huma*** wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, ***inkluż għall-koeżjoni*** soċjali u territorjali, ***il-benesseri*** u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), ***jikkontribwixxu għas-salvagwardja, l-iżvilupp u l-promozzjoni tad-diversità u l-wirt kulturali u lingwistiċi tal-Ewropa.*** Huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni ***iżda*** wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, ***id-djalogu interkulturali, il-koeżjoni*** soċjali u territorjali, ***iċ-ċittadinanza attiva u l-benesseri soċjetali*** u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. ***Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jagħti prijorità lil miżuri li jrawmu l-ħolqien, il-kooperazzjoni, il-mobbiltà, il-parteċipazzjoni, l-aċċessibbiltà u ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera ta' xogħlijiet kulturali u kreattivi, filwaqt li jsaħħaħ id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u internazzjonali tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 259**
**Emma Rafowicz, Alice Kuhnke**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru ***u ż-żfin***), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru***, iż-żfin u l-arti taċ-ċirku***), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika***, ir-radju, is-settur awdjoviżiv, iċ-ċinema, il-videogames***, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. ***Sabiex jiġi żgurat li l-Programm jikkontribwixxi bis-shih għat-tishih tas-setturi kulturali u kreattivi tal-Ewropa, għat-trawwim ta' impjiegi kulturali vibranti, u għall-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali, huwa importanti li jiġi żgurat li l-azzjonijiet iffinanzjati jkunu bbażati fuq kontribut kreattiv uman sostanzjali u identifikabbli.*** |

Or. en

**Emenda 260**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, | (7) Is-setturi ***u l-industriji*** kulturali u |

inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, ***li*** jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent ***dinamiku***. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

kreattivi, inkluż ***l-awdjoviżiv (il-films, it-televiżjoni, il-videogames u l-multimedia),*** l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, ***ir-radju,*** il-mużika***, il-podcasts, il-festivals, il-fotografija, l-arti immersiva***, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), ***għandhom valur intrisiku u*** huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, ***joħolqu valur miżjud ekonomiku, opportunitajiet ta' xogħol fit-territorji kollha, jappoġġaw l-aċċess għall-kultura u d-divertiment għall-komunitajiet lokali u b'hekk iżommuhom vibranti,*** jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent ***għani fil-kreattività, il-wirt u l-innovazzjoni***. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

Or. en

**Emenda 261**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, ***inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli***, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l- | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, ***jinkludu, fost l-oħrajn***, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' ***artistiċi, l-awdjoviżiv (inklużi ċ-ċinematografija, it-televiżjoni, il-videogames u l-multimedia), il-wirt*** |

mużewijiet, is-snajja' ***u d-disinn*** (inkluż id-disinn tal-moda), ***huma*** "ġid pubbliku" ***li joħolqu*** tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa ***jkun iqis il-valur*** intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

***kulturali tanġibbli u intanġibbli, id-disinn*** (inkluż id-disinn tal-moda), ***il-festivals, il-mużika, il-letteratura, l-arti tal-ispettaklu (inklużi t-teatru, iż-żfin u ċ-ċirku), il-pubblikazzjoni (il-kotba u l-istampa miktuba), ir-radju u l-arti viżiva. Dawn is-setturi huma espressjonijiet importanti ta' kultura u kreattività, u jservu bħala*** "ġid pubbliku"***. Jiġġeneraw*** tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa ***jirrikonoxxi l-valur*** intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir ***sostenibbli*** u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni ***u t-tranżizzjoni ekoloġika***.

Or. en

**Emenda 262**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Chiara Gemma, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, ***l-awdjoviżiv,*** il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli ***inkluż il-wirt kulturali ta' taħt l-ilma***, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku"***, u spiss huma bbażati fuq drittijiet tal-proprjetà intellettwali, filwaqt*** li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni***, u l-protezzjoni u l-promozzjoni tagħhom jiddependu primarjament fuq l-Istati*** |

il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

***Membri u l-komunitajiet lokali***. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iżżid il-wirt kulturali awdjoviżiv (li tħalla barra mil-lista tal-Kummissjoni) u ta' taħt l-ilma rilevanti għall-Istati Membri kostali, u markatur tas-sussidjarjetà li jibbaża l-protezzjoni primarjament fl-Istati Membri u fil-komunitajiet lokali. Ir-referenza għad-DPI tirrifletti r-realtà ekonomika li s-CCS jiddependu fuq il-proprjetà intellettwali bħala l-assi primarju tagħhom.*

**Emenda 263**
**Łukasz Kohut, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. ***Jirriflettu wkoll id-diversità lingwistika u kulturali tal-Ewropa, inkluż f'reġjuni b'minoranzi nazzjonali jew lingwistiċi*** |

ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

***tradizzjonali.*** Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

Or. en

**Emenda 264**
**Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. ***Jirriflettu wkoll id-diversità lingwistika u kulturali tal-Ewropa, inkluż f'reġjuni b'minoranzi nazzjonali jew lingwistiċi tradizzjonali.*** Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. |

Or. en

**Emenda 265**
**Zsuzsanna Borvendég**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn ***(inkluż id-disinn tal-moda)***, huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u ***jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni***. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn, huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u ***jirriflettu r-rikkezza tat-tradizzjonijiet nazzjonali, reġjonali, lokali, lingwistiċi, reliġjużi u tradizzjonali tal-Ewropa, inkluż il-wirt Kristjan li sawwar profondament iċ-ċivilizzazzjoni Ewropea***. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. |

Or. en

**Emenda 266**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt |

kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw ***il-valuri tal-Unjoni***. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw ***turiżmu sostenibbli*** u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis ***il-valur intrinsiku u artistiku*** tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, ***inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa,*** it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw ***il-popli tal-Ewropa***. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw ***it-turiżmu*** u jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku fix-xenarju dinji. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis ***is-sinifikat*** tagħhom ***għat-tradizzjonijiet kulturali tal-popli tal-Ewropa***, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

Or. fi

**Emenda 267**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha***, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi***, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u |

il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni.

Or. en

**Emenda 268**
**Erik Kaliňák**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u ***jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni***. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u ***jikkontribwixxu għad-diversità kulturali tal-Ewropa***. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. |

Or. sk

*Ġustifikazzjoni*

*L-industriji kulturali u kreattivi huma sors sinifikanti tad-diversità kulturali tal-Ewropa u jikkontribwixxu għall-preżervazzjoni tal-wirt kulturali rikk tagħha. Is-sostituzzjoni tar-referenza "jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni" b'formulazzjoni aktar newtrali tirrifletti aħjar il-prinċipju tal-libertà artistika u tal-pluraliżmu tal-espressjoni kulturali, filwaqt li jinżamm l-objettiv li tiġi promossa d-diversità kulturali fl-Ewropa.*

**Emenda 269**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Juan Carlos Girauta Vidal**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u ***jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni***. Huma ***wkoll*** assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma "ġid pubbliku" li joħolqu tifsira u huma assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta' kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. |

Or. fr

**Emenda 270**
**Alex Agius Saliba**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d-disinn (inkluż id- | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin)***, il-festivals***, il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja' u d- |

| | |
|---|---|
| disinn tal-moda), huma “ġid pubbliku” li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta’ kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma “ġid pubbliku” li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta’ kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. |
| | Or. en |

**Emenda 271**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja’ u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma “ġid pubbliku” li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta’ kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. | (7) Is-setturi kulturali u kreattivi, inkluż l-arti tal-ispettaklu (bħat-teatru u ż-żfin), il-pubblikazzjoni tal-letteratura u tal-kotba, il-mużika, l-arti viżiva***, is-satira***, il-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli, l-arkitettura, l-arkivji, il-libreriji u l-mużewijiet, is-snajja’ u d-disinn (inkluż id-disinn tal-moda), huma “ġid pubbliku” li joħolqu tifsira u jinkorporaw il-valuri tal-Unjoni. Huma wkoll assi kbir għall-Unjoni u għar-reġjuni tagħha, li jattiraw turiżmu sostenibbli u fix-xenarju dinji jipproġettaw l-immaġni ta’ kontinent dinamiku. Il-Programm jenħtieġ li minn naħa jkun iqis il-valur intrinsiku u artistiku tagħhom, u min-naħa l-oħra jqis il-kontributi soċjali u ekonomiċi estrinsiċi tagħhom, inkluż għall-koeżjoni soċjali u territorjali, il-benesseri u s-saħħa, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, il-kompetittività, il-kreattività u l-innovazzjoni. |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Satire ist ein grundlegendes Korrektiv demokratischer und vordemokratischer Gesellschaften und in der europäischen Kulturgeschichte tief verwurzelt – beginnend mit Aristophanes' politischen Komödien bis hin zu Brechts Lehrstücken. Als Spiegel der Machtverhältnisse und Trägerin des gesellschaftlichen Gewissens hat die Satire wiederholt Missstände benannt, die der offizielle Diskurs verschwieg oder verschleierte. Viele Werke, die wir heute zu unserem kulturellen und politischen Erbe zählen wurden von den Mächtigen ihrer Zeit als unbequem, skandalös oder subversiv empfunden. Es ist oft gerade die Unbequemlichkeit, die den bleibenden kulturellen Wert ausmacht. Die Satire verdient daher eine ausdrückliche Anerkennung als Kunstform im Rahmen dieses Programms.*

**Emenda 272**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa, li tistabbilixxi qafas strateġiku li jqiegħed il-kultura, il-libertà artistika u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni. Dan jaġixxi bħala referenza ta' gwida għall-kultura fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034 u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mobilizzati l-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni b'mod aktar ikkoordinat u sistematiku biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. F'dak il-kuntest, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa billi jiżgura finanzjament iddedikat, aċċessibbli u ta' min joqgħod fuqu għas-setturi kulturali u kreattivi. Jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni ta' remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-artisti u għall-professjonisti kulturali u kreattivi, f'konformità mal-Artikoli 3 u 13*** |

***tal-Karta, mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-artisti u għal professjonisti kulturali u kreattivi oħra, u mad-Direttiva (UE) 2019/790, li tirrikonoxxi d-dritt tal-awturi u tal-artisti għal remunerazzjoni xierqa u proporzjonata għall-użu tax-xogħlijiet u l-wirjiet tagħhom.***

Or. en

**Emenda 273**
**Emma Rafowicz, Alice Kuhnke**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa, li tistabbilixxi qafas strateġiku li jqiegħed il-kultura, il-libertà artistika u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni. Dan jaġixxi bħala referenza ta' gwida għall-kultura fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034 u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mobilizzati l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti u futuri tal-Unjoni b'mod aktar ikkoordinat u sistematiku biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. F'dan il-kuntest, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Boxxla Kulturali u l-impenji u r-responsabbiltajiet politiċi deskritti fid-Dikjarazzjoni Konġunta "L-Ewropa għall-Kultura - Il-Kultura għall-Ewropa" billi jiżgura finanzjament iddedikat, aċċessibbli u ta' min joqgħod fuqu għas-setturi kulturali u kreattivi u billi jippromwovi remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-artisti f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni*** |

***Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 3.***

Or. en

**Emenda 274**
**Mario Furore**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-objettivi tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa, li tistabbilixxi qafas strateġiku li jqiegħed il-kultura, il-libertà artistika u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fiċ-ċentru tat-tfassil tal-politika tal-Unjoni. Dan jaġixxi bħala referenza ta' gwida għall-kultura fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034 u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mobilizzati l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti u futuri tal-Unjoni b'mod aktar ikkoordinat u sistematiku biex jintlaħqu l-objettivi tagħha. F'dan il-kuntest, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-impenji u r-responsabbiltajiet politiċi deskritti fid-Dikjarazzjoni Konġunta "L-Ewropa għall-Kultura - Il-Kultura għall-Ewropa", inkluż permezz tal-iżgurar ta' finanzjament iddedikat, aċċessibbli u ta' min joqgħod fuqu għas-setturi kulturali u kreattivi u billi jippromwovi remunerazzjoni ġusta u kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-artisti f'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 3.*** |

Or. en

**Emenda 275**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-postijiet tal-kultura u fejn isiru l-avvenimenti huma partikolarment importanti għall-iżvilupp tal-kultura nnifisha. Bħala "postijiet terzi" barra mid-dar u l-post tax-xogħol, huma jippromwovu l-iskambju interpersonali, id-djalogu interkulturali, l-ispirtu komunitarju u l-parteċipazzjoni demokratika fil-livell lokali. Minbarra l-istituzzjonijiet kulturali formali, il-postijiet informali fejn in-nies jiltaqgħu bħal ristoranti, pubs, bars jew bnadi lokali simili għandhom ukoll funzjoni kulturali u soċjali importanti. Spiss dawn iservu wkoll bħala postijiet għal avvenimenti kulturali bħal kunċerti, spettakli, jew xows tal-cabaret. Għalhekk, it-telf ta' postijiet bħal dawn minħabba pressjoni ekonomika jirrappreżenta telfa għall-infrastruttura soċjali u kulturali tal-Unjoni, li l-programm jenħtieġ li jikkontrobatti.*** |

Or. de

**Emenda 276**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) L-attraenza u l-kompetittività tal-Ewropa bħala post fejn wieħed jgħix u jaħdem, hija msaħħa mill-kombinazzjoni distintiva tagħha ta' libertà kulturali u kreattiva, diversità u ftuħ bi stat tad-dritt b'saħħtu, ċertezza legali u rispett għad-drittijiet fundamentali. Dawn l-elementi** |

***jikkontribwixxu b'mod qawwi għall-kwalità tal-ħajja, li min-naħa tagħha tikkostitwixxi fattur importanti biex jiġi attirat u miżmum it-talent peress li l-kompetittività tal-Unjoni f'suq tax-xogħol globali tiddependi mhux biss fuq ir-remunerazzjoni, iżda wkoll fuq il-kapaċità tagħha li toffri ambjent kulturali rikk li fih in-nies jistgħu jgħixu tajjeb.***

Or. en

**Emenda 277**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Settur tal-mużika divers u reżiljenti jirrikjedi appoġġ sostnut fl-ekosistema kollha tal-mużika, li tinkludi l-forom kollha ta' parteċipazzjoni u prattika mużikali tul il-ħajja, inklużi attivitajiet ibbażati fil-komunità, dilettanti u preprofessjonali. Dawn l-attivitajiet irawmu l-parteċipazzjoni kulturali, il-koeżjoni soċjali u l-iskambju interġenerazzjonali, filwaqt li jikkontribwixxu għat-trażmissjoni, il-preżervazzjoni u t-tiġdid tal-wirt mużikali tal-Ewropa. Dawn jikkostitwixxu parti essenzjali mill-ekosistema tal-mużika u jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti u appoġġati b'mod adegwat.*** |

Or. en

**Emenda 278**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-Programm jenħtieġ li jirrikonoxxi u jiddefendi l-valur intrinsiku, artistiku u ekonomiku ta' dawn is-setturi kollha, fil-biċċa l-kbira magħmula minn SMEs, li l-ħaddiema tagħhom spiss ikunu aktar suxxettibbli għal instabbiltà ekonomika u xokkijiet negattivi;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-CCS huma fil-biċċa l-kbira SMEs u freelancers, strutturalment aktar esposti għal xokkijiet ekonomiċi minn setturi oħra. L-emenda tiżgura li l-programm jiddefendi l-valur ekonomiku tagħhom, mhux biss il-valur artistiku tagħhom.*

**Emenda 279**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Is-settur tal-kotba fl-Ewropa huwa wieħed mill-akbar setturi kulturali u kreattivi. Dan jibbaża fuq katina tal-valur interdipendenti li tinkludi l-awturi, it-tradutturi, il-pubblikaturi, il-bejjiegħa tal-kotba, il-libreriji u l-qarrejja, b'kull wieħed minnhom jaqdi rwol vitali. Fl-istess ħin, is-settur jiffaċċja sfidi li jaffettwaw il-libertà tal-espressjoni u d-diversità kulturali. Għalhekk huwa meħtieġ li tissaħħaħ il-kapaċità tiegħu li joħloq, jipproduċi, jippromwovi u jqassam firxa wiesgħa ta' xogħlijiet letterarji bejn il-fruntieri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-promozzjoni u l-preżervazzjoni tad-diversità lingwistika tal-Ewropa, inkluż fil-lingwi reġjonali u minoritarji. Il-kontribut tal-awturi u t-tradutturi għall-ħolqien u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet letterarji, kif ukoll ir-rwol tal-ħwienet tal-*** |

***kotba u l-libreriji bħala gateways għall-qari, l-għarfien, il-kultura u l-inklużjoni soċjali u diġitali, u bħala infrastruttura soċjali essenzjali f'komunitajiet urbani u rurali, jenħtieġ li jiġu rikonoxxuti u ppreżervati.***

Or. en

**Emenda 280**
**Ivaylo Valchev**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7b) Il-Programm jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lill-organizzazzjonijiet kulturali żgħar u ta' daqs medju u lill-operaturi mill-Istati Membri bi swieq kulturali iżgħar, filwaqt li jiżgura li l-benefiċċji tal-Programm ikunu aċċessibbli u mqassma b'mod ekwu fl-Unjoni kollha, irrispettivament mid-daqs u l-post ġeografiku tal-benefiċjarji.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tintroduċi dispożizzjoni espliċita ta' ekwità li tiżgura li atturi iżgħar u ġeografikament periferali jibbenefikaw bl-istess mod mill-Programm. Mingħajr dispożizzjoni bħal din, il-fondi tal-UE jirriskjaw li jikkonċentraw f'organizzazzjonijiet b'riżorsi tajbin minn Stati Membri akbar.*

**Emenda 281**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7c) Il-Programm jenħtieġ li*** |

***jikkontribwixxi wkoll għat-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti fis-setturi kulturali u kreattivi kif ukoll fis-settur tal-aħbarijiet, sabiex jiġu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza u diskriminazzjoni u tiġi offruta pjattaforma sostenibbli għall-ilħna u l-istejjer kollha li jsawru s-soċjetajiet Ewropej tagħna.***

Or. en

**Emenda 282**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7d) L-appoġġ għandu jkun limitat għal xogħlijiet maħluqa mill-bnedmin. Meta l-għodod tal-IA jintużaw f'kapaċità ta' assistenza, dawn iridu jsaħħu l-kreattività tal-bniedem u għandhom jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni. Meta jintużaw għodod tal-intelliġenza artifiċjali fil-produzzjoni u t-tixrid ta' kontenut, dawn għandhom jibqgħu subordinati għas-sorveljanza u r-responsabbiltà editorjali tal-bniedem, u ma għandhomx jimminaw l-istandards, l-etika jew l-integrità ġurnalistiċi. L-użu tagħhom għandu jkun soġġett għal trasparenza shiħa, inkluż l-iżvelar ta' kontenut iġġenerat mill-IA jew mibdul bl-IA, u ma għandux jissostitwixxi x-xogħol ġurnalistiku oriġinali bħala s-sors primarju ta' informazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 283**
**Henrik Dahl**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 284**
**Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu ***l-potenzjal*** kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn | (8) ***Is-setturi kulturali u kreattivi jikkostitwixxu assi strateġiku għall-Unjoni. Huma rikki fid-diversità kulturali u lingwistika, u jaqdu rwol ewlieni fit-trawwim tal-parteċipazzjoni demokratika, il-koeżjoni soċjali u l-identità Ewropea, filwaqt li jagħtu kontribut sinifikanti għall-ekonomija, il-kompetittività u l-influwenza globali tal-Unjoni. Il-media u l-industriji kulturali u kreattivi tal-Ewropa jipproduċu kontenut ta' kwalità għolja u affidabbli li jinforma, jeduka u jagħti divertiment liċ-ċittadini u jappoġġaw iċ-ċirkolazzjoni ta' stejjer,*** |

atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.

***valuri u perspettivi Ewropej bejn il-fruntieri.*** Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu ***dawn l-opportunitajiet, jisfruttaw il-potenzjal*** kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni ***billi jappoġġaw il-kollaborazzjoni, l-innovazzjoni u l-użu responsabbli ta' teknoloġiji emerġenti f'konformità mal-valuri tal-Unjoni*** filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. ***Fl-istess ħin, l-innovazzjoni teknoloġika toffri opportunitajiet bla preċedent biex jiġi estiż l-aċċess għall-kontenut Ewropew, jiġu żviluppati forom ġodda ta' ħolqien u involviment tal-udjenza, jissaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-media u tal-ekosistemi kulturali Ewropej, u jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi fuq l-infrastrutturi u t-teknoloġiji minn barra l-Unjoni.***

Or. en

**Emenda 285**
**Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi***, filwaqt li fl-istess ħin jirriflettu d-diversità kulturali u lingwistika rikka tal-Ewropa, inklużi l-Lingwi Reġjonali u ta' Stati Żgħar, bħala*** |

biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.

***assi fundamentali***. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. ***Dawn l-isfidi jaffettwaw it-territorji b'mod mhux ugwali u jenfasizzaw l-importanza ta' ekosistemi kulturali b'saħħithom fil-livell lokali u reġjonali.*** Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni***,*** filwaqt li ***jippromwovu u jippreżervaw id-diversità kulturali u lingwistika, inklużi l-Lingwi Reġjonali u ta' Stati Żgħar, isaħħu l-koeżjoni soċjali u territorjali, u*** jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati***, u b'hekk isaħħu approċċ minn isfel għal fuq u inklużiv li jirrifletti d-diversità tal-espressjonijiet kulturali fl-Unjoni kollha***.

Or. en

**Emenda 286**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is- | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali ***bir-rwol dejjem akbar tal-pjattaformi diġitali u*** biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat- |

| | |
|---|---|
| setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. ***Il-frammentazzjoni fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej tista' twassal għal disparitajiet fil-viżibbiltà u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet kulturali u kreattivi fl-Istati Membri kollha, b'impatt sproporzjonat fuq xogħlijiet minn pajjiżi iżgħar jew inqas rappreżentati. Għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jappoġġa azzjonijiet li jrawmu l-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà u ċ-ċirkolazzjoni transfruntiera tal-espressjonijiet kulturali mill-Istati Membri kollha, u b'hekk jippromwovi d-diversità kulturali u spazju kulturali Ewropew aktar ibbilanċjat.*** |

Or. en

**Emenda 287**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***Iżda*** fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. ***Qed isibu wkoll*** diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali ***biż-żieda*** tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l- | (8) Fl-Unjoni, is-setturi ***u l-industriji*** kulturali u kreattivi ***(CCSI)*** huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. ***Tali frammentazzjoni hija inerenti, u tirriżulta mill-wirt kulturali multidimensjonali u rikk tal-Istati Membri tagħha, li jinkludi dimensjonijiet nazzjonali, reġjonali u lokali. Is-CCSI fl-Unjoni jsibu*** diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali ***inkluża ż-żieda*** tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' |

aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.

adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi ***u l-industriji*** biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. ***F'dan il-kuntest, l-appoġġ għall-mobbiltà tal-artisti u tal-professjonisti kulturali, bħal permezz ta' inizjattivi bħall-Kultura Ċċaqlaq l-Ewropa, huwa essenzjali biex jiġu promossi l-kollaborazzjoni transfruntiera, l-iskambju kulturali, u l-iżvilupp professjonali.***

Or. en

**Emenda 288**
**Gabriela Firea, Maria Guzenina**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji ***u mhux kontinwi, inkluż għal freelancers, ħaddiema li jaħdmu għal rashom, professjonisti żgħażagħ, medjaturi kulturali u mikroorganizzazzjonijiet***, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali***, distribuzzjoni bbażata fuq pjattaforma u mudelli li qed jinbidlu tad-dħul u tal-proprjetà intellettwali***, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li |

jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati***, u jappoġġaw tranżizzjonijiet professjonali ġusti, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, l-għarfien aħjar tad-drittijiet kuntrattwali u tal-proprjetà intellettwali, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali, u l-użu etiku u ċċentrat fuq il-bniedem tat-teknoloġija***.

Or. en

**Emenda 289**
**Alessandro Ciriani**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament ***għat-tibdil fil-klima***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali ***bir-rwol dejjem jikber tal-pjattaformi diġitali u*** biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament ***għall-eventi klimatiċi estremi***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn***, filwaqt li jevita pożijiet amministrattivi u finanzjarji, speċjalment għall-SMEs***, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. ***Jenħtieġ li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-Programm jkunu ggwidati mill-prinċipju tal-libertà artistika, filwaqt li jiġi żgurat li l-proċess kreattiv ikun ħieles minn interferenza politika, ideoloġika jew amministrattiva, inkluż fid-definizzjoni tal-kriterji ta' evalwazzjoni tal-proġett.*** |

Or. it

**Emenda 290**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' ***mitigazzjoni u*** adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. ***Il-frammentazzjoni tista' twassal għal viżibbiltà u ċirkolazzjoni mhux ugwali ta' xogħlijiet kulturali u kreattivi fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari li jaffettwaw lil dawk minn pajjiżi iżgħar jew inqas rappreżentati; għalhekk, il-Programm jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' dawn l-iżbilanċi billi jappoġġa lill-atturi u l-inizjattivi li jsaħħu l-viżibbiltà, l-aċċessibbiltà u ċ-ċirkolazzjoni tal-espressjonijiet kulturali mill-Istati Membri kollha.*** |

Or. en

**Emenda 291**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Chiara Gemma, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament ***għat-tibdil fil-klima***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament ***għal avvenimenti ta' tibdil estrem u l-kompetizzjoni ma' operaturi mhux Ewropej***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn***, jevitaw pożijiet amministrattivi u finanzjarji eċċessivi speċjalment għall-SMEs***, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. ***Il-libertà artistika, inkluża l-libertà minn interferenza politika, ideoloġika jew amministrattiva fil-proċess kreattiv, jenħtieġ li tkun prinċipju gwida fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-Programm, inkluż fl-istabbiliment ta' kriterji ta' evalwazzjoni għall-proġetti.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni tidentifika b'mod korrett l-attakki fuq il-libertà artistika bħala sfida iżda ma tipprovdi l-ebda salvagwardja operazzjonali kontra l-manipulazzjoni ideoloġika tal-Programm innifsu. Din l-emenda tiċċara li l-libertà artistika tinkludi l-libertà minn kundizzjonijiet ideoloġikament motivati imposti mill-Programm fl-għażla tal-proġetti. Dan jipproteġi lill-artisti u lill-operaturi kulturali milli jkollhom jikkonformaw mal-aġendi soċjali jew politiċi kkontestati bħala kundizzjoni biex jirċievu appoġġ mill-UE.*

**Emenda 292**
**Nicola Zingaretti**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. ***Il-Programm jenħtieġ li b'mod partikolari jappoġġa t-tiġdid ġenerazzjonali u l-ħolqien ġdid, u jippromwovi l-iżvilupp tal-udjenza, speċjalment fost iż-żgħażagħ u l-persuni f'perkorsi ta' taħriġ, bħala kundizzjonijiet għall-vijabbiltà u għas-sostenibbiltà fit-tul ta' dawn is-setturi.*** |

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*It-tiġdid ġenerazzjonali, l-appoġġ għall-ħolqien ġdid u l-iżvilupp tal-udjenza huma fatturi strutturali għas-sostenibbiltà fit-tul tas-setturi kulturali u kreattivi. L-inklużjoni tagħhom tkompli ssaħħaħ ir-rilevanza tagħhom fit-tfassil tal-programm.*

**Emenda 293**
**Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal- | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali***, reġjonali*** u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il- |

espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.

libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima***. Is-setturi li joperaw bil-lingwi minoritarji u reġjonali qed jiġu affettwati dejjem aktar mill-isfidi tal-era diġitali, b'mod partikolari t-trasformazzjoni diġitali, iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali, u l-aċċessibbiltà***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati.

Or. en

**Emenda 294**
**Łukasz Kohut, Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima**.** Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali***, reġjonali*** u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima***. Is-setturi li joperaw bil-lingwi minoritarji u reġjonali qed jiġu affettwati dejjem aktar mill-isfidi tal-era diġitali, b'mod partikolari t-trasformazzjoni diġitali, iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali, u l-aċċessibbiltà***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom |

| | |
|---|---|
| | b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. |

Or. en

**Emenda 295**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma ***frammentati*** fuq ***linji*** nazzjonali u ***lingwistiċi***. Qed isibu ***wkoll*** diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali***, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma ***msejsa*** fuq ***id-diversità*** nazzjonali u ***lingwistika***. Qed isibu diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, ***il-konformiżmu tal-istituzzjonijiet kulturali u*** kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji***. Ċerti trasformazzjonijiet, bħal*** trasformazzjonijiet diġitali***,*** biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali***, huma kemm sfidi kif ukoll assi jekk l-Unjoni tippromwovi l-innovazzjoni teknoloġika***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. |

Or. fr

**Emenda 296**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika***, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji,*** trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali***, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima***. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali***, kulturali*** u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika ***u*** trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. |

Or. fi

**Emenda 297**
**Erik Kaliňák**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal ***attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika,*** kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Iżda fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu wkoll diversi sfidi, bħal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. |

Or. sk

*Ġustifikazzjoni*

*It-terminu "attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika" mhuwiex definit ulterjorment fil-proposta u jippermetti interpretazzjonijiet differenti fi Stati Membri individwali. Il-premessa tibqa' sostanzjalment kompluta anke mingħajr din il-formulazzjoni, peress li tkompli tidentifika l-isfidi konkreti u oġġettivi li qed jiffaċċjaw l-industriji kulturali u kreattivi.*

**Emenda 298**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***Iżda*** fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu ***wkoll*** diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima**.** Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. | (8) Fl-Unjoni, is-setturi kulturali u kreattivi huma frammentati fuq linji nazzjonali u lingwistiċi. Qed isibu diversi sfidi, bħal attakki fuq il-libertà tal-espressjoni artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, trasformazzjonijiet diġitali biż-żieda tal-intelliġenza artifiċjali, u l-ħtieġa ta' adattament għat-tibdil fil-klima**.** Il-Programm jenħtieġ li jgħin lil dawk is-setturi biex iwieġbu għal sfidi bħal dawn, jaħtfu l-potenzjal kollu tagħhom u jipproġettaw lilhom infushom b'mod riżolut għall-ġejjieni filwaqt li jiżguraw l-aktar parteċipazzjoni wiesgħa, inkluż minn atturi lokali u reġjonali, b'diversi mezzi u formati. |

Or. en

**Emenda 299**
**Nicola Zingaretti**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Is-settur tal-mużika Ewropew qed jiffaċċja diffikultajiet strutturali. Dawn jinkludu ċ-ċirkolazzjoni limitata ta' xogħlijiet Ewropej, iż-żieda fil-*** |

***konċentrazzjoni tas-suq, l-evoluzzjoni tad-drawwiet tal-konsum, l-effetti ta' tfixkil tal-IA ġenerattiva u n-nuqqas ta' trasparenza tal-pjattaformi tal-istreaming, inkluż fir-rigward tal-kapaċità ta' sejbien u l-viżibbiltà tal-kontenut mużikali Ewropew, kif ukoll in-nuqqas persistenti li tiġi żgurata remunerazzjoni ġusta u proporzjonata lill-artisti u lill-ħallieqa, b'mod partikolari dawk indipendenti, li x-xogħlijiet tagħhom jippopolaw dawn il-pjattaformi. Filwaqt li tibbaża fuq l-inizjattiva "Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa", l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità tas-settur Ewropew tal-mużika li joħloq, jipproduċi, jippromwovi u jqassam firxa wiesgħa ta' repertorji bejn il-fruntieri, kemm f'ambjenti live kif ukoll fi spazji diġitali, filwaqt li tiżgura aċċess ġust għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn minnha. Jenħtieġ li ssaħħaħ ukoll il-vijabbiltà fit-tul tal-operaturi indipendenti tul il-katina tal-valur, tħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, ittejjeb it-trasparenza, tiggarantixxi remunerazzjoni ġusta għall-artisti u għall-interpretaturi fl-ambitu tal-istreaming, ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tallinja mal-qafas regolatorju tal-Unjoni f'oqsma bħall-kompetizzjoni, is-servizzi diġitali, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u d-diversità kulturali u lingwistika. Jenħtieġ li tippromwovi wkoll it-talent żagħżugħ permezz ta' inizjattivi ddedikati bħall-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea.***

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*La musica è tra le espressioni culturali più diffuse, eppure il suo ecosistema produttivo è oggi tra i più fragili. Il passaggio allo streaming ha trasformato radicalmente le modalità di consumo, dando grandi opportunità di visibilità, ma senza che la catena del valore si riequilibrasse: la remunerazione degli artisti , in particolare di quelli indipendenti, che costituiscono il vero tessuto creativo del continente ,resta sproporzionatamente bassa rispetto ai ricavi generati dalle piattaforme. A questa asimmetria si sommano l'opacità degli algoritmi di raccomandazione, che incide direttamente sulla individuabilità del repertorio europeo, la*

*crescente concentrazione del mercato e, ora, gli effetti dirompenti dell'intelligenza artificiale generativa sulla creazione e sul lavoro artistico.*

**Emenda 300**
**Łukasz Kohut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Is-settur Ewropew tal-mużika qed jiffaċċja diffikultajiet strutturali. Dawn jinkludu ċ-ċirkolazzjoni limitata ta' xogħlijiet Ewropej, iż-żieda fil-konċentrazzjoni tas-suq, l-evoluzzjoni tad-drawwiet tal-konsum, l-effetti ta' tfixkil tal-IA ġenerattiva u n-nuqqas ta' trasparenza fil-pjattaformi tal-istreaming, inkluż fir-rigward tal-iskopribbiltà u l-prominenza tal-kontenut mużikali Ewropew kif ukoll opportunitajiet mhux ugwali għall-iskambju u l-kollaborazzjoni transfruntieri. Filwaqt li tibni fuq l-inizjattiva "Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa", l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li jkollha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità tas-settur Ewropew tal-Mużika li joħloq, jipproduċi, jippromwovi u jqassam firxa wiesgħa ta' repertorji u attivitajiet bejn il-fruntieri, kemm f'ambjenti diretti kif ukoll fi spazji diġitali, filwaqt li tiżgura aċċess ġust għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn minnha. Jenħtieġ li ssaħħaħ ukoll il-vijabbiltà fit-tul tal-atturi indipendenti tul il-katina tal-valur tas-settur tal-mużika, tħeġġeġ il-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, ittejjeb it-trasparenza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tallinja mal-qafas regolatorju tal-Unjoni f'oqsma bħall-kompetizzjoni, is-servizzi diġitali, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur u d-diversità kulturali u lingwistika. Jenħtieġ li tappoġġa opportunitajiet transfruntieri għall-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-aċċess għall-mużika. Jenħtieġ li*** |

***tippromwovi wkoll talenti żgħażagħ permezz ta' inizjattivi ddedikati bħall-Orkestra taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea.***

Or. en

**Emenda 301**
**Peter Agius, Nina Carberry**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Sabiex isaħħaħ l-impatt tranżnazzjonali tal-UE, jenħtieġ li l-programm jagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni insulari, ultraperiferiċi, u periferiċi, fejn l-insularità, id-daqs limitat tas-suq, il-kostijiet ogħla tat-trasport u tal-mobbiltà, u l-aċċess imnaqqas għan-networks kulturali, tal-media u ċiviċi jistgħu jipprevjenu liċ-ċittadini, liż-żgħażagħ, lill-artisti, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-kumpaniji awdjoviżivi u tal-media, inkluż b'mod partikolari l-SMEs, milli jibbenefikaw bis-sħiħ mill-opportunitajiet tal-Unjoni. Għalhekk, il-programm jenħtieġ li jappoġġa miżuri mmirati biex itejjeb l-aċċess għall-finanzjament, il-mobbiltà, il-bini tal-kapaċitajiet, il-parteċipazzjoni kulturali, il-pluraliżmu tal-media u l-involviment demokratiku għal dawn ir-reġjuni.*** |

Or. en

**Emenda 302**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Il-Fergħa Kultura jenħtieġ li tappoġġa azzjonijiet fis-setturi kulturali u kreattivi kollha fl-ambitu tagħha. Filwaqt li jiġi kkomplementat dan l-approċċ transsettorjali, jenħtieġ li jingħata appoġġ immirat lis-setturi li l-ħtiġijiet komuni u l-isfidi speċifiċi tagħhom fil-livell tal-Unjoni jeħtieġu miżuri ddedikati, bħas-setturi tal-mużika tul il-katina tal-valur, tal-pubblikazzjoni tal-kotba jew tal-libreriji tagħha. Tali appoġġ immirat jista' jieħu diversi forom, inklużi premjijiet kulturali, inizjattivi tematiċi u avvenimenti diretti, attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet, skemi ta' tagħlim bejn il-pari, u miżuri oħra mmirati lejn it-tisħiħ tar-reżiljenza, il-kompetittività u d-dimensjoni tranżnazzjonali ta' dawn is-setturi.*** |

Or. en

**Emenda 303**
**Lynn Boylan, Mario Furore, Pernando Barrena Arza, João Oliveira**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-ispazji tal-arti u tal-kultura madwar l-Istati Membri huma mhedda mill-kriżi tal-għoli tal-ħajja u l-komunitajiet qed jitilfu l-aċċess għal spazji vitali tal-arti u tal-kultura minħabba l-prekarjetà u ż-żieda fil-kostijiet operattivi. Il-programm jenħtieġ li jassisti direttament lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ispazji tal-arti u tal-kultura jibqgħu miftuħa u jkomplu jipprovdu servizz essenzjali lill-komunitajiet.*** |

Or. en

**Emenda 304**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Il-Fergħa Ewropa Kreattiva - Kultura jenħtieġ li tinkludi azzjonijiet li jħaddnu s-setturi kollha li tkopri. Biex jikkomplementaw dan l-approċċ orizzontali, l-approċċi settorjali jenħtieġ li jiġu appoġġati għal dawk is-setturi li l-ħtiġijiet kondiviżi u l-isfidi speċifiċi tagħhom fl-Unjoni jirrikjedu approċċ aktar immirat. Dawn l-azzjonijiet aktar immirati jistgħu jieħdu diversi forom*** |

Or. en

**Emenda 305**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa lill-artisti u lill-atturi fil-komunitajiet rurali, filwaqt li jirrikonoxxi l-kontribut partikolari magħmul minn dawk it-territorji u jiżgura li dawk il-komunitajiet iżommu l-libertà tal-programmazzjoni tagħhom.*** |

Or. fr

**Emenda 306**
**Nicola Zingaretti**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) F'ħafna partijiet tal-Unjoni, u b'mod partikolari fiż-żoni interni, rurali, remoti u depopolati kif ukoll fil-viċinati urbani żvantaġġati, l-għajbien progressiv ta' postijiet fiżiċi tal-ħajja kulturali wassal għal deżertifikazzjoni kulturali, li dgħajjef l-aċċess għall-kultura, il-koeżjoni soċjali u s-sens ta' appartenenza. Fl-istess ħin, dawn it-territorji spiss ikollhom wirt sinifikanti ta' bini u spazji mhux użati biżżejjed, li spiss ikunu pubbliċi jew abbandunati, li l-użu mill-ġdid adattiv tagħhom joffri opportunità sostenibbli u ta' benefiċċju biex l-attività kulturali terġa' lura fil-komunitajiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tappoġġa r-riġenerazzjoni, l-użu adattiv mill-ġdid u r-rivitalizzazzjoni ta' dawk l-ispazji għal skopijiet kulturali u kreattivi u, fejn ma jkun hemm l-ebda spazju xieraq, il-ħolqien ta' spazji komunitarji kulturali ġodda. Meta tagħmel dan, jenħtieġ li tagħti attenzjoni partikolari biex tiżgura li dawn l-ispazji jibqgħu aċċessibbli, inklużivi u sostenibbli fit-tul. F'diversi Stati Membri, l-ispazji komunitarji ibridi li jikkombinaw attivitajiet kulturali, kreattivi, soċjali u tax-xogħol urew li huma rispons effettiv għad-deżertifikazzjoni kulturali. Pereżempju, in-network Franċiż ta' "tiers-lieux" (postijiet terzi), li kiber għal aktar minn 3 500 sit (il-biċċa l-kbira tagħhom jinsabu barra miż-żoni metropolitani u ħafna minnhom inħolqu permezz tar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati b'appoġġ pubbliku), juri l-potenzjal ta' dawn il-mudelli fir-rivitalizzazzjoni tal-ekonomiji lokali u l-konnessjoni mill-ġdid tal-komunitajiet.*** |

Or. it

**Emenda 307**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) Il-Programm jenħtieġ li jiżgura wkoll il-parteċipazzjoni akbar ta' persuni b'diżabbiltà fis-setturi kulturali u kreattivi u jqis l-ostakli li jiffaċċjaw biex jaċċessaw is-Setturi Kulturali u Kreattivi (CCS). Il-persuni b'diżabbiltà madwar l-Unjoni għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti biex jaċċessaw il-ħajja kulturali, kemm bħala membri tal-udjenza, kreaturi, jew professjonisti. Dawn jiltaqgħu ma' firxa ta' sfidi strutturali, peress li ħafna ambjenti, sistemi u infrastrutturi għadhom imfassla b'mod inadegwat biex jakkomodaw il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà, kemm jekk bħala membri tal-udjenza, kreaturi, jew professjonisti. F'dak il-kuntest, l-Unjoni jenħtieġ li taqdi rwol attiv fl-iffaċilitar tal-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki kif ukoll fil-promozzjoni u l-appoġġ tal-iżvilupp ta' prattiki aċċessibbli fis-setturi kulturali u kreattivi kollha, u l-promozzjoni tax-xogħlijiet kulturali u artistiċi tal-persuni b'diżabbiltà. Huwa essenzjali wkoll li jitfakkar li l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-persuni b'diżabbiltà li jibbenefikaw minn miżuri mmirati biex jiżguraw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-ħajja kulturali kif ukoll l-eżerċizzju tal-attivitajiet kulturali tagħhom stess inklużi l-promozzjoni u r-rikonoxximent tal-kultura ta' dawk nieqsa mis-smigħ u, b'estensjoni, fil-komunità, kif previst fl-Artikolu 26 tal-Karta u l-Artikolu 30 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità adottata fit-13 ta' Diċembru 2006, li l-Unjoni hija parti għaliha.*** |

Or. en

**Emenda 308**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8b) Is-settur tal-kotba huwa partikolarment f'riskju fl-Ewropa, mhux l-inqas minħabba l-iżvilupp ta' pjattaformi diġitali. Il-Programm jenħtieġ li jiffaċilita kwalunkwe azzjoni biex iħeġġeġ liż-żgħażagħ jaqraw u jnaqqsu l-ħin li jqattgħu quddiem l-iskrins. Il-Programm jenħtieġ li jiffinanzja wkoll fieri żgħar tal-kotba, kif ukoll il-pubblikaturi żgħar u l-atturi li jixprunawhom, ħafna drabi bi spejjeż tagħhom. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu ffinanzjati azzjonijiet favur il-ħwienet tal-kotba rurali, li jiddeploraw aktar għeluq milli ftuħ, għal għadd ta' raġunijiet: inqas klijenti u problemi bl-aċċessibbiltà, il-flus, it-tariffi fissi, l-istokkijiet, il-provvisti, eċċ. Biex jibqgħu jeżistu, dawn il-ħwienet tal-kotba qed jiddiversifikaw billi joffru servizzi oħra li jikkorrispondu għall-għajbien ta' negozji oħra (kartolerija, fotokopji, kafetteriji, kartriġis), li jagħmel il-manutenzjoni tagħhom saħansitra aktar importanti għat-territorji rurali jew iżolati tagħna.*** |

Or. fr

**Emenda 309**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8c) Il-wirt tekniku u industrijali huwa parti integrali mill-wirt kulturali Ewropew, bħalma huma l-vetturi storiċi li jixhdu l-għarfien prattiku ta' bosta ġenerazzjonijiet, jikkontribwixxu għat-trasferiment tal-kompetenzi artiġjanali u mekkaniċi, u jikkontribwixxu għall-attraenza turistika ta' bosta territorji. Dan il-wirt irid jiġi rikonoxxut bħala wirt kulturali Ewropew ħaj u l-Programm irid jappoġġa t-trasferiment tal-għarfien prattiku relatat mar-restawr, mal-manutenzjoni u mal-konservazzjoni tal-vetturi storiċi, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ Ewropej.*** |

Or. fr

**Emenda 310**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8d) Is-settur Ewropew tal-mużika jista' jiddgħajjef b'sentenza tat-8 ta' Settembru 2020 li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li Stat Membru ma jistax, fil-leġiżlazzjoni tiegħu, jeskludi artisti u produtturi ta' fonogrammi li huma ċittadini ta' Stati terzi mir-remunerazzjoni ekwa prevista meta x-xogħol tagħhom jixxandar fuq ix-xandir jew bi kwalunkwe mezz ieħor lill-pubbliku. Ibbażata primarjament fuq l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 2006/115/KE "dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet tal-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali" [3], dik is-sentenza ma tagħmilx dik ir-remunerazzjoni kundizzjonali fuq reċiproċità min-naħa ta' Stati terzi. Għalhekk jistgħu jiġu*** |

***allokati somom sinifikanti lill-artisti u lill-produtturi ta' fonogrammi minn pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-Istati Uniti, anki jekk dawn il-pajjiżi ma jħallsux drittijiet tax-xandir lid-detenturi tad-drittijiet minnaħa tagħhom. Riforma tad-Direttiva 2006/115/KE, sabiex il-ħlasijiet tad-drittijiet tax-xandir lil ċittadini ta' Stati terzi jsiru soġġetti għal obbligu ta' reċiproċità, tidher meħtieġa.***

Or. fr

**Emenda 311**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8e) Fis-settur awdjoviżiv, il-Programm irid jappoġġja l-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur ta' sottotitoli ta' sensiliet u films Ewropej. Dawn ix-xogħlijiet bħalissa qed jiġu sfruttati biex jitħarrġu mudelli lingwistiċi tal-intelliġenza artifiċjali (IA). Is-sottotitoli huma fost l-aħjar djalogi bil-miktub u "jaqbdu b'mod preċiż il-fluss, it-ton u l-kadenza tal-konverżazzjonijiet umani", li jagħmilhom ideali għat-taħriġ taċ-chatbots biex jinstemgħu aktar naturali. Jarrikkixxu wkoll ir-repertorju lingwistiku tal-IA, lil hinn mil-lingwa akkademika, billi jintegraw lingwa aktar familjari jew saħansitra argotika. Għalhekk, is-sottotitoli jridu jiġu protetti u remunerati mill-fornituri tal-IA li użawhom biex iħarrġu l-mudelli tagħhom. Il-Programm jenħtieġ li jippromwovi wkoll l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali Ewropea, xprunata mis-sottotitoli ta' xogħlijiet Ewropej, f'konformità mad-drittijiet tal-awtur, li jkunu sors ġdid ta' dħul għas-settur awdjoviżiv tagħna.*** |

Or. fr

**Emenda 312**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8f) Is-settur tal-professjonijiet tal-arti u tar-restawr tal-wirt jenħtieġ li jiġi ffinanzjat mill-Programm. Hemm ħtieġa urġenti li jiġu promossi, b'mod partikolari, it-tagħlim u t-trasferiment tal-għarfien prattiku f'dawn il-professjonijiet. Dawk li jagħmlu l-għamara, il-ġebel, iċ-ċeramika, il-ħaddiema tal-ġilda, nissieġa, iżda wkoll dawk li jirrestawraw iż-żebgħa u t-twieqi huma kważi esklużivament magħmula minn mikrointrapriżi b'inqas minn għaxar persuni, li l-maniġers tagħhom ħafna drabi jkunu anzjani. Is-settur tar-restawr tal-wirt huwa lokali u ma jistax jiġi rilokat. Minħabba nuqqas ta' ħin, finanzjament, iżda wkoll minħabba l-piż amministrattiv, dawn l-imprendituri jimpjegaw ftit apprendisti, bir-riskju li jitilfu għarfien prattiku siewi u xi drabi antik. Għalhekk huwa meħtieġ li jitfasslu u jiġu żviluppati metodi ġodda ta' finanzjament ta' tali tagħlim, filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-għalliema, jiġu ffrankati l-ħin u jingħataw aċċess għal bini aktar xieraq u orħos.*** |

Or. fr

**Emenda 313**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) ***L-ideali, il-prinċipji u l-valuri inkorporati fil-wirt kulturali tal-Ewropa, u l-istorja Ewropea kondiviża li tirrifletti u tittrażmetti, jikkostitwixxu sors komuni ta' tifkira, fehim reċiproku, identità, djalogu, koeżjoni u kreattività, filwaqt li jrawmu sens kondiviż ta' appartenenza u jsaħħu l-unità fid-diversità fl-Ewropa kollha.*** Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat f'konformità mal-impenji tad-Dikjarazzjoni Konġunta "L-Ewropa għall-Kultura - Il-Kultura għall-Ewropa"***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva***. L-iżgurar ta' aċċess miftuħ u inklużiv għall-wirt kulturali huwa vitali għal soċjetà li tiffunzjona tajjeb u opportunitajiet xierqa ta' edukazzjoni u taħriġ għall-professjonisti tal-wirt kulturali huma essenzjali f'dan ir-rigward***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. en

**Emenda 314**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u | (9) ***L-ideali, il-prinċipji u l-valuri inkorporati fil-wirt kulturali tal-Ewropa jikkostitwixxu sors kondiviż ta' tifkira,*** |

kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u ***titrawwem identità Ewropea kollettiva***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu.

***fehim, sens ta' appartenenza, djalogu, koeżjoni u kreattività għall-Ewropa.*** Il-wirt kulturali ***tanġibbli u intanġibbli*** tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u ***jitrawwem sens ta' appartenenza Ewropew kollettiv***. Il-konservazzjoni diġitali ***tal-wirt kulturali*** tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu.

Or. en

**Emenda 315**
**Esteban González Pons, Francisco José Millán Mon, Hélder Sousa Silva**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli ***li*** qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, ***u*** li ***jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem*** identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli***. Huwa wkoll xprunatur ekonomiku importanti, sors tat-turiżmu u l-ħolqien tal-impjiegi, u huwa kruċjali biex iż-żoni rurali jingħataw ħajja ġdida u titrawwem il-koeżjoni soċjali u territorjali. Madankollu,*** qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat***, li ***jrawwem*** identità Ewropea kollettiva***. Huwa meħtieġ ukoll li jittejjeb l-aċċess għall-wirt kulturali Ewropew***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. en

**Emenda 316**
**Zsuzsanna Borvendég**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u ***titrawwem identità Ewropea kollettiva***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u ***jitrawwem ir-rispett għall-identitajiet nazzjonali, reġjonali, lokali, lingwistiċi, reliġjużi u kulturali tal-Ewropa, inklużi l-wirt kulturali Kristjan, l-arkitettura sagra, il-monumenti storiċi u t-tradizzjonijiet tal-komunitajiet lokali***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. en

**Emenda 317**
**Sophie Wilmès, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Abir Al-Sahlani**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li ***qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat,*** u ***li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem*** identità Ewropea ***kollettiva***. ***Il-konservazzjoni*** diġitali ***tkompli tiżgura*** li l-ġenerazzjonijiet | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li ***jirrifletti r-rikkezza u d-diversità tas-soċjetajiet Ewropej u jikkontribwixxi għal sens komuni ta' appartenenza*** u identità Ewropea. ***Dan jikkostitwixxi sors ta' għarfien, kreattività u ispirazzjoni, li jrawwem id-djalogu interkulturali u jsaħħaħ ir-rabtiet bejn il-ġenerazzjonijiet.*** |

futuri jkunu jistgħu ***jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom***, ***jistmawh*** u ***jitnebbħu minnu***.

***It-tishiħ tal-aċċess għall-wirt kulturali, inkluż permezz tal-konservazzjoni*** diġitali ***u t-teknoloġiji innovattivi, jista' jwessa' l-parteċipazzjoni pubblika, jappoġġa l-edukazzjoni u r-riċerka, u jiżgura*** li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu ***jiskopru***, ***japprezzaw*** u ***jibnu fuq dan il-wirt***.

Or. en

**Emenda 318**
**François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u ***titrawwem identità Ewropea kollettiva***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u ***tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini, speċjalment iż-żgħażagħ, dwar il-kultura, il-wirt kulturali u l-istorja Ewropej, inkluż fir-rigward tar-reġimi totalitarji u awtoritarji***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. en

**Emenda 319**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja ***restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali***. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva.*** Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja ***ħafna tipi ta' theddid***. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat u titrawwem il-protezzjoni għall-identitajiet tal-popli tal-Ewropa.*** Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. fi

**Emenda 320**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa***, kemm tanġibbli kif ukoll intanġibbli,*** huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali ***u t-trażmissjoni dejjem tonqos tat-tradizzjonijiet bejn ġenerazzjonijiet***. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. en

**Emenda 321**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja ***restrizzjonijiet baġitarji,*** diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, ***it-tibdil fil-klima***, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat, u li jissaħħaħ ***l-aċċess*** u titrawwem identità Ewropea ***kollettiva***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli ***li ħafna drabi jiġi injorat fil-pjan baġitarju,*** li qed jiffaċċja diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, ***sfidi klimatiċi***, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat ***b'mod sostenibbli***, u li jissaħħaħ ***aċċess intelliġenti u li jirrispetta l-postijiet*** u titrawwem identità Ewropea ***unika***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. fr

**Emenda 322**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem***, it-tibdil fil-klima,*** u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tneħħi t-test "titrawwem identità Ewropea kollettiva", li jaqa' barra mill-kompetenza tat-Trattat tal-programm skont l-Artikolu 167 tat-TFUE.*

**Emenda 323**
**Rasa Juknevičienė, Sandra Kalniete, François-Xavier Bellamy**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) ***Il-wirt*** kulturali tal-Ewropa ***huwa*** wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu ***mill-wirt*** kulturali tagħhom, ***jistmawh*** u jitnebbħu ***minnu***. | (9) ***It-tifkira storika u l-wirt*** kulturali tal-Ewropa ***huma*** wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu ***mill-istorja u l-wirt*** kulturali tagħhom, ***jistmawhom*** u jitnebbħu ***minnhom***. |

Or. en

**Emenda 324**
**Erik Kaliňák**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u ***titrawwem identità Ewropea kollettiva***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat***, u li jissaħħaħ l-aċċess ***għalih*** u ***li jitrawwem l-għarfien tal-wirt kulturali komuni Ewropew***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. sk

*Ġustifikazzjoni*

*Il-protezzjoni u l-aċċessibbiltà tal-wirt kulturali huma wieħed mill-objettivi ewlenin tal-politika kulturali tal-Unjoni. Il-formulazzjoni li tiffoka fuq ir-rikonoxximent ta' wirt kulturali komuni hija aktar preċiża u tikkorrispondi aħjar għall-iskop tal-programm, filwaqt li tirrispetta d-diversità kulturali u t-tradizzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri.*

**Emenda 325**
**Pernando Barrena Arza**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreżervat***. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. en

**Emenda 326**
**Fredis Beleris**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, u li | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem***, l-influwenza ta' pajjiżi terzi***, it-tibdil fil-klima, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li |

jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu.

jitħares u jiġi ***ppreżervat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu.

Or. el

**Emenda 327**
**Alessandro Ciriani**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, ***it-tibdil fil-klima***, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, ***l-eventi klimatiċi estremi***, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li jitħares u jiġi ppreservat, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. it

**Emenda 328**
**Henrik Dahl**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem***, *it-tibdil fil-klima***, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu | (9) Il-wirt kulturali tal-Ewropa huwa wirt komuni u imprezzabbli li qed jiffaċċja restrizzjonijiet baġitarji, diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem, u kunflitti reġjonali. Dan il-legat hu importanti li |

| | |
|---|---|
| importanti li jitħares u jiġi ***ppreservat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. | jitħares u jiġi ***ppreżervat***, u li jissaħħaħ l-aċċess u titrawwem identità Ewropea kollettiva. Il-konservazzjoni diġitali tkompli tiżgura li l-ġenerazzjonijiet futuri jkunu jistgħu jitgħallmu mill-wirt kulturali tagħhom, jistmawh u jitnebbħu minnu. |

Or. en

**Emenda 329**
**Alessandro Zan, Krzysztof Śmiszek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) L-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-programm għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092,12 skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509. Barra minn hekk, fl-implimentazzjoni tal-programm, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw il-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikolu 51 tal-Karta, u għandhom jirrispettaw il-valuri tal-Unjoni minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE rilevanti fl-implimentazzjoni tal-baġit, inklużi l-prinċipji tal-Istat tad-Dritt, f'konformità mal-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509.*** |

Or. en

**Emenda 330**
**Esteban González Pons, Francisco José Millán Mon, Hélder Sousa Silva**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u ***jippreservaw*** ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. | (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew***, tal-premjijiet Ewropej fil-qasam tal-wirt kulturali*** u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u ***jippreżervaw*** ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. ***Jenħtieġ li tingħata attenzjoni wkoll għall-appoġġ tal-artisti, il-kreaturi u l-artiġjani artistiċi tas-sengħa fis-snajja' tradizzjonali relatati mar-restawr tal-wirt kulturali;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din iż-żieda hija konformi mal-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni u mal-premessi ta' Ewropa Kreattiva 2021-2027.*

**Emenda 331**
**Chiara Gemma, Marco Squarta, Lara Magoni, Ivaylo Valchev**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u jippreservaw ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. | (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u jippreservaw ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. ***Tali finanzjament irid ikun marbut mill-qrib ma' kriterji ta' eċċellenza kulturali u valur miżjud Ewropew dimostrabbli, filwaqt li jiġi evitat kwalunkwe skop ta' promozzjoni ideoloġika.*** |

Or. it

**Emenda 332**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti ***wkoll*** appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, ***li jiċċelebraw u jippreservaw ir-rikkezza*** tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. | (10) Filwaqt ***li jibni fuq l-esperjenza ta' perjodi ta' programmazzjoni preċedenti,*** il-Programm għandu jagħti appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura, ***li wrew valur kbir u rnexxielhom jiċċelebraw u jippreservaw*** id-diversità u l-wirt kulturali rikki tal-Ewropa, jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji ta' żvilupp immexxija mill-kultura.**.** |

Or. en

**Emenda 333**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u jippreservaw ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. | (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u jippreservaw ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura ***u jiġu żgurati l-impatti ekonomiċi, tal-media u kulturali ta' dawn l-azzjonijiet***. |

Or. fr

**Emenda 334**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u ***jippreservaw*** ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. | (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura ***u jżomm strutturi stabbiliti bħall-Bureau taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew***, li jiċċelebraw u ***jippreżervaw*** ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. |

Or. en

**Emenda 335**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u ***jippreservaw*** ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp ***xprunati mill-kultura***. | (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll***, meta ċ-ċirkostanzi jippermettu,*** appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u ***jippreżervaw*** ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp ***li jqisu l-kulturi differenti tal-Istati Membri***. |

Or. fi

**Emenda 336**
**Loránt Vincze**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u ***jippreservaw*** ir-rikkezza tad-diversità ***kulturali*** u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. | (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura ***u tal-Jum Ewropew tal-Lingwi***, li jiċċelebraw u ***jippreżervaw*** ir-rikkezza tad-diversità u l-wirt kulturali ***u lingwistiċi*** tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. |

Or. en

**Emenda 337**
**Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u ***jippreservaw*** ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. | (10) Il-Programm jenħtieġ li jagħti wkoll appoġġ finanzjarju lill-azzjonijiet taċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura, li jiċċelebraw u ***jippreżervaw*** ir-rikkezza tad-diversità kulturali u l-wirt kulturali tal-Ewropa, filwaqt li jgħaqqduha mal-livell ***reġjonali u*** lokali u jikkontribwixxu għal strateġiji tal-iżvilupp xprunati mill-kultura. |

Or. en

**Emenda 338**
**Emma Rafowicz, Alice Kuhnke**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Is-settur tal-arti tal-ispettaklu huwa pedament tal-ekosistema kulturali u kreattiva tal-Ewropa, u jagħti kontribut sinifikanti għall-impjiegi, id-diversità kulturali, il-koeżjoni soċjali u l-parteċipazzjoni demokratika. Huwa bbażat intrinsikament fuq il-kooperazzjoni tranżnazzjonali, il-mobbiltà, il-koproduzzjoni u ċ-ċirkolazzjoni tal-artisti u x-xogħlijiet fl-Ewropa kollha, u b'hekk isaħħaħ l-ispazju kulturali Ewropew komuni. Wara l-impatt sproporzjonat tal-kriżi tal-COVID-19, is-settur għadu qed jiffaċċja sfidi strutturali, inklużi n-nuqqas ta' ħiliet, iż-żieda fil-kostijiet u t-tnaqqis fl-investiment pubbliku. Fl-istess ħin, l-arti tal-ispettaklu trawwem il-libertà artistika, id-djalogu interkulturali, il-ħsieb kritiku u ċ-ċittadinanza attiva billi toħloq spazji kondiviżi għall-iskambju kulturali bejn il-ġenerazzjonijiet u l-fruntieri. Għalhekk, it-tisħiħ tas-sostenibbiltà tas-settur huwa essenzjali biex jiġu ppreżervati l-vitalità kulturali u l-valuri demokratiċi tal-Ewropa.*** |

Or. en

**Emenda 339**
**Sibylle Berg**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Is-satira hija waħda mill-eqdem forom ta' arti fl-Ewropa u strument indispensabbli tal-espressjoni libera u tal-*** |

***kontroll demokratiku. Bħala forma kreattiva ta' espressjoni fiha nnifisha, din tikkontribwixxi għad-diversità kulturali filwaqt li fl-istess ħin issaħħaħ ir-reżiljenza soċjetali kontra l-abbuż tal-poter, id-diżinformazzjoni u ż-żieda fix-xejriet awtoritarji. Il-libertà tal-espressjoni satirika hija komponent ewlieni tal-libertà tal-espressjoni minquxa fl-Artikolu 11 tal-Karta. Il-kittieba tas-satiri u l-media satirika qed ikunu dejjem aktar soġġetti għal attakki legali u politiċi. Għalhekk, il-programm jenħtieġ li jirrikonoxxi u jippromwovi b'mod espliċitu l-ħolqien, it-tixrid u l-protezzjoni ta' xogħlijiet u formati satiriċi.***

Or. de

**Emenda 340**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Il-kotba u l-pubblikazzjoni huma essenzjali għad-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa, u jippermettu li l-istejjer, l-ideat u l-perspettivi Ewropej jiċċirkolaw bejn il-lingwi u l-ġenerazzjonijiet. F'suq imsawwar mid-distribuzzjoni diġitali, l-intelliġenza artifiċjali u t-tibdil fid-drawwiet tal-qari, l-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jsaħħaħ il-ħolqien, it-traduzzjoni, il-pubblikazzjoni, l-iskopribbiltà u ċ-ċirkolazzjoni ta' xogħlijiet letterarji Ewropej.*** |

Or. en

**Emenda 341**

**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Laurence Farreng, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10b) Il-mużika hija waħda mill-aktar forom kulturali kkunsmati u viżibbli internazzjonalment fl-Ewropa u tikkostitwixxi settur strateġiku fl-industriji kulturali u kreattivi tal-Unjoni. Is-settur għaddej minn trasformazzjoni profonda xprunata mill-intelliġenza artifiċjali u forom ġodda ta' distribuzzjoni globali. Dawn it-trasformazzjonijiet joħolqu opportunitajiet għat-tkabbir filwaqt li jesponu wkoll lill-artisti, it-tikketti, il-pubblikaturi, il-postijiet u operaturi oħra Ewropej għal sfidi strutturali simili għal dawk li jiffaċċja s-settur awdjoviżiv. Id-dipendenza dejjem akbar fuq atturi kbar mhux tal-Unjoni għad-distribuzzjoni, l-iskopribbiltà, id-data u r-remunerazzjoni tirriskja li ddgħajjef id-diversità kulturali, il-kompetittività u l-awtonomija ekonomika tal-Ewropa fis-suq tal-mużika. Filwaqt li tibni u tespandi fuq l-inizjattiva "il-mużika ċċaqlaq l-Ewropa", l-azzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-potenzjal ta' tkabbir sostanzjali tas-settur billi ssaħħaħ il-kapaċità Ewropea tul il-katina tal-valur tal-mużika, ittejjeb l-aċċess għall-finanzi, u tippermetti lill-mużika Ewropea tilħaq udjenzi fl-Unjoni u lil hinn minnha.*** |

Or. en

**Emenda 342**
**Irena Joveva, Fabienne Keller, Abir Al-Sahlani, Lucia Yar**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (11) ***Is-setturi tal-midja*** tal-Ewropa għandhom pożizzjoni unika fid-demokraziji, u fil-kultura u l-ekonomiji tagħna. Dawn jinkludu fost l-oħrajn ċertu kontenut bħal pereżempju l-films, is-sensiliet, il-videogames, l-aħbarijiet u l-informazzjoni, ir-realtà immersiva u ***l-multimidja***, kif ukoll servizzi bħal pereżempju ***il-wirjiet*** teatrali, ix-xandir televiżiv u tar-radju, il-pubblikazzjoni stampata u online, ir-reklamar, il-videos u l-podcasts online. It-trasformazzjoni diġitali, b'mod partikolari ż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali, ħaffet il-konverġenza ***tal-midja***, biddlet l-imġiba tal-konsumaturi, fixklet il-mudelli tan-negozju u tad-dħul, u ***anki*** l-ġestjoni u l-isfruttament tal-proprjetà intellettwali. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li ***tgħin lill-midja tal-Unjoni tiffjorixxi***, trawwem l-innovazzjoni u l-aċċess għall-finanzi, tippromwovi d-dakkir reċiproku bejn is-setturi tal-aħbarijiet, is-setturi awdjoviżivi u setturi oħra ***tal-midja***, u tappoġġa l-kollaborazzjonijiet bejn tipi differenti ta' entitajiet ***tal-midja*** fl-Unjoni. | (11) ***Il-fergħa MEDIA+ tkopri l-media, inklużi s-setturi tal-media awdjoviżiva u tal-aħbarijiet. Għandha tappoġġa lis-setturi tal-media*** tal-Ewropa***, li*** għandhom pożizzjoni unika fid-demokraziji, u fil-kultura u l-ekonomiji tagħna. Dawn jinkludu fost l-oħrajn ċertu kontenut bħal pereżempju l-films, is-sensiliet***, id-dokumentarji, l-animazzjoni***, il-videogames, l-aħbarijiet u l-informazzjoni, ir-realtà immersiva u ***l-multimedia***, kif ukoll servizzi bħal pereżempju ***l-wirjiet*** teatrali, ix-xandir televiżiv u tar-radju, il-pubblikazzjoni stampata u online, ir-reklamar, il-videos u l-podcasts online. ***Il-protezzjoni tal-indipendenza editorjali hija prerekwiżit għall-forniturі tas-servizzi tal-media, speċjalment dawk li jwasslu l-aħbarijiet u l-ġrajjiet kurrenti bħala ġid pubbliku. Barra minn hekk, il-forniturі tas-servizzi tal-media bil-ħsieb li jiggarantixxu l-indipendenza editorjali jaqdu rwol uniku tas-suq intern bħala "għassies pubbliku" li jipprovdi liċ-ċittadini u lin-negozji b'fehmiet pluralistiċi u informazzjoni ta' min joqgħod fuqha. Għalhekk, is-salvagwardja tal-libertà u l-pluraliżmu tal-media, bħala pilastri fundamentali tad-demokrazija u l-istat tad-dritt, hija essenzjali għal suq intern li jiffunzjona tajjeb tas-servizzi tal-media.*** It-trasformazzjoni diġitali, b'mod partikolari ż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali, ħaffet il-konverġenza ***tal-media***, biddlet l-imġiba tal-konsumaturi, fixklet il-mudelli tan-negozju u tad-dħul, u ***anke*** l-ġestjoni u l-isfruttament tal-proprjetà intellettwali. Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li ***tappoġġa s-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-setturi tal-media u tgħinhom jiffjorixxu***, ***sabiex is-setturi tal-media jkunu jistgħu jaħtfu dawk l-opportunitajiet fis-suq intern, filwaqt li fl-istess ħin jipproteġu d-drittijiet fundamentali. L-Unjoni jenħtieġ li*** trawwem l-innovazzjoni u l-aċċess għall-finanzi, tippromwovi d-dakkir reċiproku |

bejn is-setturi tal-aħbarijiet, is-setturi awdjoviżivi u setturi oħra ***tal-media***, u tappoġġa l-kollaborazzjonijiet bejn tipi differenti ta' entitajiet ***tal-media*** fl-Unjoni. ***Dan jenħtieġ li jinkludi l-iffaċilitar tal-aċċess għall-istrumenti finanzjarji rilevanti tal-Unjoni, inkluż fl-ambitu tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività, biex jiġu appoġġati r-ristrutturar, it-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjoni u s-sostenibbiltà fit-tul tas-setturi tal-media tal-Ewropa, inkluża l-media tal-aħbarijiet. Biex jitrawwem l-allinjament transsettorjali f'era ta' konverġenza teknoloġika u jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet kondiviżi tas-suq, l-azzjonijiet skont l-objettiv speċifiku "Aħbarijiet" jenħtieġ li jibqgħu kompletament miftuħa għall-fornituri kollha tas-servizzi tal-media li jipprovdu l-aħbarijiet u l-ġrajjiet kurrenti, filwaqt li jiġi żgurat li l-operaturi awdjoviżivi tradizzjonali, ix-xandara kummerċjali, u l-media tas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jaċċessaw finanzjament flimkien ma' organizzazzjonijiet oħra tal-aħbarijiet. Kwalunkwe tip ta' appoġġ jew finanzjament tal-media fil-pajjiżi parteċipanti jenħtieġ li jirrispetta bis-sħiħ il-libertà u l-indipendenza tal-media f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1083 (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media).***

Or. en

**Emenda 343**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Milan Zver, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
Or. en

**Emenda 368**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11d) Għall-finijiet ta' dan il-Programm, ir-referenzi għall-ġurnalisti u l-media indipendenti jenħtieġ li jinftiehmu li jinkludu ġurnalisti, freelancers, ħaddiema oħra tal-media, u organi tax-xandir li joperaw "f'eżilju" li ġew imġiegħla jitilqu mill-pajjiż ta' oriġini jew mir-residenza abitwali tagħhom minħabba theddid, fastidju, jew persekuzzjoni marbuta mal-attivitajiet professjonali tagħhom. L-appoġġ ta' tali atturi jikkontribwixxi għas-salvagwardja tal-libertà tal-media, il-pluraliżmu, u r-reżiljenza tal-ispazju Ewropew tal-informazzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 369**
**Marcos Ros Sempere**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet | (12) Is-settur ***ċinematografiku u*** awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera |

tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. ***Minħabba*** dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi ***u tal-videogames*** Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***Dan*** jenħtieġ li ***jrawwem*** adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, ***jikkontribwixxi*** għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u ***jakkumpanja*** l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni.

limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. ***Fid-dawl ta'*** dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji ***ċinematografiċi u*** awdjoviżivi Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej***, inkluż permezz tad-distribuzzjoni teatrali,*** fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***Il-ħruġ ċinematografiku tal-films Ewropej jibqa' vitali għall-viżibbiltà tagħhom. Dan isaħħaħ il-valur tagħhom, u jiġġenera momentum pożittiv għal mezzi tad-distribuzzjoni sussegwenti, inkluż il-video-on-demand. Id-distributuri tal-films u l-operaturi taċ-ċinema jaqdu rwol ewlieni fit-twassil tax-xogħlijiet Ewropej lill-udjenzi bejn il-fruntieri. Il-fergħa Kutura - MEDIA*** jenħtieġ li ***tirrikonoxxi u tappoġġa dak il-kontribut. Il-fergħa Kutura - MEDIA jenħtieġ li trawwem ukoll*** adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, ***tikkontribwixxi*** għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u ***takkumpanja*** l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. ***L-appoġġ għall-produzzjoni awdjoviżiva jenħtieġ li jkun immirat primarjament lejn kumpaniji Ewropej indipendenti tal-produzzjoni awdjoviżiva, filwaqt li jippermetti wkoll koproduzzjonijiet ma' fornituri ta' servizzi tal-media awdjoviżiva fejn il-kumpanija tal-produzzjoni indipendenti żżomm sehem sinifikanti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, trawwem kompetizzjoni ġusta u żżomm katina tal-valur ibbilanċjata. Hekk kif il-kundizzjonijiet tas-suq u l-operaturi awdjoviżivi jkomplu jevolvu, jenħtieġ li jiġu stabbiliti u riveduti regolarment kriterji speċifiċi biex jiġi definit x'jikkostitwixxi kumpanija tal-produzzjoni indipendenti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm. Il-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ l-indipendenza tal-produzzjoni mhux biss***

***bħala objettiv kulturali iżda wkoll bħala prijorità industrijali u strateġika għall-Unjoni, u jikkontribwixxi għall-pluraliżmu tal-media, ir-reżiljenza demokratika, u l-kompetittività fit-tul, filwaqt li jqis id-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet u kontenut awdjoviżivi, l-aċċess għalihom u l-konsum tagħhom, u b'hekk jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet aktar ekwi, u jwessa' l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti u jżid il-kollaborazzjoni fost dawn il-pajjiżi.***

Or. en

**Emenda 370**
**Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. ***Minħabba*** dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi ***u tal-videogames*** Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***Dan*** jenħtieġ li ***jrawwem*** adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, ***jikkontribwixxi*** għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u ***jakkumpanja*** l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. | (12) Is-settur ***ċinematografiku u*** awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. ***Fid-dawl ta'*** dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji ***ċinematografiċi u*** awdjoviżivi Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej***, inkluż permezz tad-distribuzzjoni teatrali, appoġġata minn aġenti tal-bejgħ tal-films internazzjonali fl-iżgurar tal-aċċess għas-suq transfruntier u minn distributuri tal-films u ċinemas fi swieq domestiċi*** fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***Il-ħruġ ċinematografiku tal-films Ewropej jibqa' vitali għall-viżibbiltà tagħhom. Dan isaħħaħ il-valur tagħhom, u jiġġenera momentum pożittiv għal mezzi tad-distribuzzjoni sussegwenti, inkluż il-video-*** |

***on-demand. Id-distributuri tal-films u l-operaturi taċ-ċinema jaqdu rwol ewlieni fit-twassil tax-xogħlijiet Ewropej lill-udjenzi bejn il-fruntieri. Il-fergħa Kutura - MEDIA*** jenħtieġ li ***tirrikonoxxi u tappoġġa dak il-kontribut. Il-fergħa Kutura - MEDIA jenħtieġ li trawwem ukoll*** adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, ***tikkontribwixxi*** għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u ***takkumpanja*** l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. ***B'mod partikolari, il-fergħa Kultura-MEDIA jenħtieġ li tqis id-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' films u xogħlijiet awdjoviżivi, l-aċċess għalihom u l-konsum tagħhom, u b'hekk tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet aktar ekwi għal pajjiżi b'kapaċità awdjoviżiva baxxa. L-appoġġ għall-produzzjoni awdjoviżiva jenħtieġ li jkun iddedikat kollu kemm hu għall-kumpaniji Ewropej indipendenti tal-produzzjoni awdjoviżiva. Jenħtieġ li jiżgura li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jibqgħu f'idejn kumpaniji tal-produzzjoni awdjoviżiva Ewropej indipendenti, irawmu l-kompetizzjoni ġusta u jżommu katina tal-valur ibbilanċjata. Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jsaħħaħ l-indipendenza tal-produzzjoni mhux biss bħala objettiv kulturali iżda wkoll bħala prijorità industrijali u strateġika għall-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxi għall-pluraliżmu tal-media, ir-reżiljenza demokratika, u l-kompetittività fit-tul.***

Or. en

**Emenda 371**
**Emma Rafowicz, Alice Kuhnke**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. ***Minħabba*** dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi ***u tal-videogames*** Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***Dan*** jenħtieġ li ***jrawwem*** adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, ***jikkontribwixxi*** għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u ***jakkumpanja*** l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. | (12) Is-settur ***ċinematografiku u*** awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. ***Fid-dawl ta'*** dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji ***ċinematografiċi u*** awdjoviżivi Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej***, inkluż permezz tad-distribuzzjoni awdjoviżiva u tad-distribuzzjoni teatrali,*** fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***Il-ħruġ ċinematografiku tal-films Ewropej jibqa' vitali għall-viżibbiltà tagħhom. Dan isaħħaħ il-valur tagħhom, u jiġġenera momentum pożittiv għal mezzi tad-distribuzzjoni sussegwenti, inkluż il-video-on-demand. Id-distributuri tal-films u l-operaturi taċ-ċinema jaqdu rwol ewlieni fit-twassil tax-xogħlijiet Ewropej lill-udjenzi bejn il-fruntieri. Il-fergħa Kutura - MEDIA*** jenħtieġ li ***tirrikonoxxi u tappoġġa dak il-kontribut. Il-fergħa Kutura - MEDIA jenħtieġ li trawwem ukoll*** adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, ***tikkontribwixxi*** għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u ***takkumpanja*** l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. ***L-appoġġ għall-produzzjoni awdjoviżiva jenħtieġ li jkun iddedikat kollu kemm hu għall-kumpaniji Ewropej indipendenti tal-produzzjoni awdjoviżiva. Jenħtieġ li jiżgura li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jibqgħu f'idejn kumpaniji Ewropej indipendenti tal-produzzjoni awdjoviżiva, irawmu l-kompetizzjoni ġusta u jżommu katina tal-valur ibbilanċjata. Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jsaħħaħ l-indipendenza tal-produzzjoni mhux biss bħala objettiv kulturali iżda wkoll bħala prijorità industrijali u strateġika għall-Unjoni, filwaqt li*** |

***jikkontribwixxi għall-pluraliżmu tal-media, ir-reżiljenza demokratika, u l-kompetittività fit-tul.***

Or. en

**Emenda 372**
**Brigitte van den Berg, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Nikola Minchev, Hristo Petrov, Irena Joveva, Raquel García Hermida-Van Der Walle**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) ***Is-settur awdjoviżiv*** tal-Unjoni qed ***isib*** sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. | (12) ***L-industriji awdjoviżivi*** tal-Unjoni ***u l-industriji tal-videogames*** qed ***isibu*** sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata***, żviluppi teknoloġiċi rapidi***, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. ***Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa fil-bidċa l-kbira l-ħolqien u l-produzzjoni ta' produzzjonijiet awdjoviżivi u videogames Ewropej indipendenti, skont id-definizzjoni ta' kumpaniji tal-produzzjoni indipendenti pprovduta fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm.*** |

Or. en

**Emenda 373**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità ***tal-industriji*** awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti tal-midja, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju*** awdjoviżiv ***tal-Unjoni***. | (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità ***tas-setturi*** awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha ***(distribuzzjoni teatrali, distribuzzjoni televiżiva; streaming u ċirkolazzjoni online; mudelli ta' distribuzzjoni bejn il-pjattaformi; servizzi mhux lineari u ibridi)*** li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***Għalhekk huwa ta' importanza kbira li firxa usa' ta' verżjonijiet lingwistiċi tal-kontenut*** awdjoviżiv ***issir disponibbli għall-udjenzi. F'dan ir-rigward, id-doppjaġġ u s-sottotitolar jistgħu jaqdu rwol fundamentali billi jiffaċilitaw l-aċċess għal xogħlijiet awdjoviżivi lil hinn mill-ostakli lingwistiċi u jikkontribwixxu għaċ-ċirkolazzjoni usa' tal-kontenut f'pajjiżi u komunitajiet lingwistiċi differenti***. |

Or. en

**Emenda 374**
**Pernando Barrena Arza, Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni | (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni |

transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni.

transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li ***jħeġġeġ il-ħolqien multilingwi, inklużi l-iżvilupp, il-produzzjoni, is-sottotitolar, id-doppjaġġ u l-lokalizzazzjoni tal-kontenut b'lingwi Ewropej, reġjonali u minoritarji differenti, sabiex jissaħħu l-aċċessibbiltà, iċ-ċirkolazzjoni u d-diversità kulturali fl-Unjoni kollha. Jenħtieġ li*** jrawwem ***ukoll*** adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni.

Or. en

**Emenda 375**
**Georgiana Teodorescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li | (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni***. Filwaqt li l-industrija qed tipprova tadatta, iż-żieda qawwija fil-kostijiet tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni hija theddida diretta kemm għall-produtturi iżgħar kif ukoll għax-xandara***. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal- |

jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni.

videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. ***Jenħtieġ għalhekk li l-appoġġ għall-produzzjoni awdjoviżiva jibqa' miftuħ għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-katina tal-valur awdjoviżiva.***

Or. en

**Emenda 376**
**Alessandro Ciriani**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. | (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej ***u, inkluż xogħlijiet ta' wirt kulturali,*** fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn***. L-appoġġ għall-ħolqien jinkludi, fost l-oħrajn, l-appoġġ għall-kitba tal-iskripts, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi, primarjament l-appoġġ għall-koproduzzjonijiet u l-produzzjoni indipendenti***. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà |

| | |
|---|---|
| | intellettwali bejn formati differenti ***tal-media,*** jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. |

Or. it

**Emenda 377**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità ***tal-industriji*** awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. | (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità ***tas-setturi*** awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. ***L-appoġġ għall-ħolqien jinkludi, fost l-oħrajn, l-appoġġ għall-kitba tal-iskripts, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej, inkluż għall-koproduzzjonijiet u l-produzzjoni indipendenti.*** Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Mingħajr din l-ispeċifiċità, l-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jnaqqsu l-appoġġ lil hinn mill-produtturi indipendenti.*

**Emenda 378**
**Catherine Griset, Fabrice Leggeri, Antonín Staněk, Juan Carlos Girauta Vidal, Annamária Vicsek**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja ***l-qafas regolatorju*** awdjoviżiv ***tal-Unjoni***. | (12) Is-settur awdjoviżiv ***u ċinematografiku*** tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi***, tal-ċinema*** u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja ***s-settur*** awdjoviżiv. ***L-appoġġ ipprovdut mill-Programm jenħtieġ li jkun ta' benefiċċju sħiħ għall-atturi Ewropej.*** |

Or. fr

**Emenda 379**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) ***Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw,*** jipproduċu u ***jxerrdu xogħlijiet*** Ewropej ***fuq il-pjattaformi kollha*** li ***huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan*** jenħtieġ li ***jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti tal-midja, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni***. | (12) ***Is-servizzi tal-media awdjoviżiva*** jipproduċu u ***jiddistribwixxu programmi*** Ewropej ***ta' kontenut, sport u aħbarijiet, għal liema raġuni huma wkoll parti essenzjali mill-pluraliżmu tal-media u d-diversità kulturali. Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2024/1083 (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media), il-miżuri*** li ***jistgħu jaffettwaw il-pluraliżmu tal-media, bħall-Programm AgoraEU,*** jenħtieġ li ***jkunu ġġustifikati u bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati. Għalhekk, jenħtieġ li l-appoġġ għall-produzzjoni awdjoviżiva jibqa' miftuħ għall-gruppi ta' interess kollha rilevanti għall-katina tal-valur awdjoviżiva***. |

Or. fi

**Emenda 380**
**Sabine Verheyen, Hélder Sousa Silva, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Manuela Ripa, Sunčana Glavak, Łukasz Kohut, Eleonora Meleti, Viktor Weisz, Giusi Princi**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal- | (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal- |

| | |
|---|---|
| proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. | proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni***, u b'hekk jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet aktar ekwi***. |

Or. en

**Emenda 381**
**Mario Furore**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-midja***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. | (12) Is-settur awdjoviżiv tal-Unjoni qed isib sfidi minħabba ċirkolazzjoni transfruntiera limitata, tibdil fid-drawwiet tal-konsum u d-dominanza ta' atturi minn barra l-Unjoni. Minħabba dawn l-isfidi, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jappoġġa l-kapaċità tal-industriji awdjoviżivi u tal-videogames Ewropej biex joħolqu, jiffinanzjaw, jipproduċu u jxerrdu xogħlijiet Ewropej fuq il-pjattaformi kollha li huma disponibbli u attraenti għall-udjenzi fl-Unjoni u lil hinn. Dan jenħtieġ li jrawwem adattamenti transmedjali tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti ***tal-media***, jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, u jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv ***u tal-media*** tal-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 382**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-appoġġ għall-ħolqien jinkludi, fost l-oħrajn, l-appoġġ għall-kitba tal-iskripts, l-iżvilupp u l-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi, primarjament l-appoġġ għall-koproduzzjonijiet u l-produzzjoni indipendenti. Hekk kif il-kundizzjonijiet tas-suq u l-operaturi awdjoviżivi jkomplu jevolvu, jenħtieġ li jingħataw kriterji speċifiċi biex jiġi definit x'jikkostitwixxi kumpanija tal-produzzjoni indipendenti fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm. L-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jrawwem l-adattamenti tal-proprjetà intellettwali bejn formati differenti tal-media, isaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn l-Istati Membri b'kapaċitajiet tas-suq differenti, filwaqt li jakkumpanja l-qafas regolatorju awdjoviżiv tal-Unjoni. Il-fergħa MEDIA+ jenħtieġ li tqis id-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet u kontenut awdjoviżivi, l-aċċess għalihom u l-konsum tagħhom, u b'hekk tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet aktar ekwi, twessa' l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti u żżid il-kollaborazzjoni fost dawn il-pajjiżi.*** |

Or. en

**Emenda 383**
**Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Is-settur Ewropew tal-videogames huwa komponent dinamiku u li qed jevolvi malajr tal-industriji kulturali u*** |

***kreattivi, ikkaratterizzat minn ekosistema densa u innovattiva ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Dan jikkombina l-ħolqien artistiku u l-iżvilupp teknoloġiku avvanzat. Madankollu, is-settur qed isib sfidi strutturali, inklużi kompetizzjoni globali qawwija u aċċess limitat għall-finanzjament għal studios indipendenti. Is-settur qed jiffaċċja wkoll kwistjonijiet relatati mal-bini tal-udjenza, li jirrikjedu strateġiji u għodod ta' kummerċjalizzazzjoni speċjalizzati ħafna adattati għal xejriet ta' konsum u mezzi ta' distribuzzjoni diġitali li qed jinbidlu malajr. Għalhekk, l-intervent tal-Unjoni jenħtieġ li jkompli jtejjeb l-aċċess għall-informazzjoni, il-gwida, l-appoġġ Ewropew u lokali, u l-mekkaniżmi ta' finanzjament, inkluż permezz ta' Desks tal-Programm imsaħħa, sabiex jgħin lill-partijiet ikkonċernati jinnavigaw l-opportunitajiet ta' finanzjament u l-proċeduri ta' applikazzjoni.***

Or. en

**Emenda 384**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Il-media u l-ġurnaliżmu fl-Unjoni qed toperaw dejjem aktar fuq bażi transfruntiera u jikkontribwixxu għall-funzjonament tas-suq intern. Inizjattivi reċenti tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2024/1083 (l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media), għandhom l-għan li jindirizzaw l-ostakli għall-forniment liberu tas-servizzi tal-media u l-protezzjoni u s-sikurezza tal-ġurnalisti, inkluż kontra s-SLAPPs, u li jsaħħu t-trasparenza, iċ-ċertezza legali, u*** |

***l-kompetizzjoni ġusta fl-Unjoni kollha. Il-fergħa Aħbarijiet, Media u ġurnaliżmu jenħtieġ li tkun koerenti mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni u l-istrumenti tal-UE, inklużi d-Direttiva Nru 2010/13/UE u r-Regolament (UE) Nru 2024/1083, fost l-oħrajn, u jenħtieġ li tagħmel enfasi fuq l-indipendenza u s-sostenibbiltà tal-media, l-istandards professjonali, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti.***

Or. en

**Emenda 385**
**Ivaylo Valchev, Lara Magoni, Marco Squarta**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) L-appoġġ għall-produzzjoni awdjoviżiva jenħtieġ li jkun allokat għall-kumpaniji Ewropej tal-produzzjoni awdjoviżiva. jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jibqgħu f'idejn dawk il-kumpaniji, sabiex jiġi ppreżervat il-valur maħluq fl-Unjoni, jiġu promossi kundizzjonijiet ġusti ta' kompetizzjoni u tiġi żgurata katina tal-valur ibbilanċjata u sostenibbli. Jenfasizza li l-Programm jenħtieġ li jsaħħaħ il-produzzjoni awdjoviżiva Ewropea mhux biss bħala objettiv kulturali, iżda wkoll bħala prijorità industrijali u strateġika għall-Unjoni, filwaqt li jikkontribwixxi għall-pluraliżmu tal-media, ir-reżiljenza demokratika u l-kompetittività fit-tul tal-ekosistema awdjoviżiva Ewropea.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tistabbilixxi li d-DPI jridu jibqgħu f'idejn il-kumpaniji Ewropej tal-produzzjoni awdjoviżiva, filwaqt li jipproteġu l-katina tal-valur u l-pluraliżmu tal-media.*

**Emenda 386**
**Gabriela Firea, Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Il-videogames u l-esperjenzi immersivi huma parti mill-ekosistema kulturali u kreattiva tal-Ewropa, u jikkombinaw ir-rakkontar tal-istejjer, il-ħolqien viżiv, il-mużika, id-disinn, l-animazzjoni, is-software u forom ġodda ta' parteċipazzjoni tal-udjenza. Il-Programm jenħtieġ li jappoġġa studios Ewropej tal-logħob, b'mod partikolari studios indipendenti, SMEs u studios minn swieq tal-logħob iżgħar jew emerġenti, biex jiżviluppaw u jżommu l-proprjetà intellettwali Ewropea oriġinali, jilħqu udjenzi bejn il-fruntieri, joħolqu impjiegi ta' kwalità għall-professjonisti kreattivi u diġitali żgħażagħ u jikbru b'mod sostenibbli filwaqt li jippreżervaw l-indipendenza kreattiva tagħhom.*** |

Or. en

**Emenda 387**
**Mario Furore**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Minħabba li l-ekosistema awdjoviżiva Ewropea hija fil-biċċa l-kbira magħmula minn intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs), u sabiex jiġu indirizzati l-konċentrazzjoni tas-suq u l-ostakli strutturali għall-aċċess għall-finanzi, l-appoġġ tal-Unjoni għall-produzzjoni awdjoviżiva jenħtieġ li** |

***jsaħħaħ primarjament lill-SMEs u jevita konċentrazzjoni bla bżonn ta' finanzjament fost l-operaturi kbar tas-suq.***

Or. en

**Emenda 388**
**Sandra Kalniete**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Il-fergħa MEDIA+ jenħtieġ li tqis id-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet u kontenut awdjoviżivi, l-aċċess għalihom u l-konsum tagħhom, u b'hekk tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet aktar ekwi, twessa' l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti u żżid il-kollaborazzjoni fost dawn il-pajjiżi.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett ta' kundizzjonijiet ekwi (LPF) għandu jibqa' wkoll fil-programm il-ġdid AgoraEU. L-evalwazzjonijiet u l-istudju mmirat tal-Kummissjoni Ewropea stess dwar it-twessigħ tal-parteċipazzjoni fl-ambitu tal-programm MEDIA wrew b'mod empiriku li l-mekkaniżmi tal-LPF jaħdmu b'mod attiv. Billi qies żbilanċi ġeografiċi, lingwistiċi u strutturali fl-Istati Membri kollha, il-kunċett ta' LPF irnexxielu jixpruna l-internazzjonalizzazzjoni, ta spinta lill-koproduzzjonijiet transfruntiera u għen fit-titjib tal-ħiliet tal-operaturi f'pajjiżi b'kapaċità awdjoviżiva baxxa.*

**Emenda 389**
**Ivaylo Valchev**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12b) Sabiex jiżgura kundizzjonijiet*** |

***aktar ekwi, il-Programm jenħtieġ li jqis id-differenzi bejn il-pajjiżi rigward il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' xogħlijiet u kontenut awdjoviżivi, l-aċċess għalihom u l-konsum tagħhom, u b'hekk iwessa' l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi b'kapaċitajiet awdjoviżivi differenti u jżid il-kollaborazzjoni fost dawn il-pajjiżi. Jenħtieġ li jingħata appoġġ partikolari għall-produzzjoni, il-koproduzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv, inklużi l-videogames, li joriġina minn Stati Membri b'kapaċità ta' produzzjoni awdjoviżiva aktar baxxa.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-proposta tal-Kummissjoni tħalli barra l-kunċett ta' "kundizzjonijiet ekwi" li kien preżenti b'mod espliċitu fis-sottoprogramm MEDIA ta' Ewropa Kreattiva u ppermettiet lill-pajjiżi b'kapaċità awdjoviżiva aktar baxxa jikkompetu fuq termini aktar ugwali. Din l-emenda terġa' ddaħħal u ssaħħaħ dan il-kunċett, filwaqt li tirrifletti l-approċċ ġenerali parzjali tal-Kunsill.*

**Emenda 390**
**Gabriela Firea, Joanna Scheuring-Wielgus, Maria Guzenina**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12b) Il-bniet u n-nisa jenħtieġ li jkunu jistgħu jsawru s-setturi awdjoviżivi, tal-videogames u tal-kontenut immersiv tal-Ewropa mhux biss bħala udjenzi, iżda wkoll bħala kreaturi, kittieba, disinjaturi, żviluppaturi, produtturi, intraprendituri u mexxejja. Il-Programm għandu jappoġġa aċċess ugwali għal taħriġ imħallas, mentoraġġ, finanzjament, aċċess għas-suq u opportunitajiet ta' tmexxija, b'mod partikolari għal nisa żgħażagħ, SMEs immexxija min-nisa u kreaturi minn swieq iżgħar jew emerġenti, filwaqt li jippromwovi ambjenti tax-xogħol sikuri u l-viżibbiltà ta' stejjer Ewropej diversi.*** |

Or. en

**Emenda 391**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12b) Il-ġurnalisti madwar l-Unjoni jiffaċċjaw theddid legali, diġitali u fiżiku dejjem akbar, inklużi kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs), fastidju, sorveljanza u vjolenza, spiss aggravati minn kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji. Il-Programm jenħtieġ li jipprovdi appoġġ immirat għas-sikurezza tal-ġurnalisti, l-għajnuna legali, is-sigurtà diġitali, l-appoġġ psikosoċjali u l-mekkaniżmi ta' emerġenza, u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ġurnalisti u s-salvagwardji kontra s-SLAPP.*** |

Or. en

**Emenda 392**
**Diana Riba i Giner**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12b) Il-Valutazzjoni tal-Impatt AgoraEU tirrikonoxxi r-rwol ċentrali li MEDIA kellha biex tagħti spinta lid-diversità kulturali Ewropea u ssaħħaħ it-tkabbir u s-sostenibbiltà tas-settur. Komponent ċentrali għas-suċċess deskritt fil-Valutazzjoni tal-Impatt huwa naturalment l-appoġġ li MEDIA tipprovdi*** |

***lid-distributuri tal-films fl-akkwist u l-promozzjoni ta' films Ewropej mhux nazzjonali u lill-esibituri tal-films fl-ipprogrammar ta' dawn il-films - Ngħaqqdu diversi films ma' udjenzi differenti.***

Or. en

**Emenda 393**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12c) Il-ġurnaliżmu, il-media indipendenti u l-ekosistema usa' tal-informazzjoni ta' interess pubbliku jikkostitwixxu infrastruttura demokratika, ekonomika u diġitali kritika tal-Unjoni. Fid-dawl tar-rwol sistemiku tal-ġurnaliżmu fis-salvagwardja tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, il-Programm jenħtieġ li jirrikonoxxi u jirrifletti b'mod espliċitu dan l-istatus fit-tfassil, l-objettivi u l-allokazzjoni tar-riżorsi tal-fergħa Aħbarijiet, media u ġurnaliżmu.*** |

Or. en

**Emenda 394**
**Krzysztof Śmiszek, Matjaž Nemec, Maria Grapini, Katarina Barley, Birgit Sippel, Csaba Molnár, José Cepeda, Sandro Ruotolo, Marco Tarquinio, Victor Negrescu**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12d) Il-pluraliżmu tal-media, il-ġurnaliżmu indipendenti u l-verifika tal-*** |

